NEWSPAPER POST

EDIZZJONI SPEĊJALI

il-Missjunarju

IŻ-ŻBATAX-IL ĦARĠA MEJJU 2018



# "HENJIN DAWK LI HUMA SAFJA F'QALBHOM ..."

MT: 5:8

# 2017: SENA TA' FEJDA

Id-donazzjonijiet li tqassmu mil-Mission Fund lill-missjunarji Maltin u Għawdxin matul l-2017 kienu jammontaw għas-somma sabiħa ta' € 404,250. Dawn kienu jikkonsistu f'donazzjonijiet ta' € 2,000 kull wieħed lil 74 missjunarju u ta' € 4,000 kull wieħed lil 4 isqfijiet. Barra minn hekk ġew mogħtija € 11,500 għall-intenzjonijiet tal-quddies lil 23 saċerdot. Ġew iffinanzjati wkoll diversi proġetti li setgħu jitwettqu grazzi għall-ġenerożità kbira tagħkom. Għal dan, f'isem il-missjunarji kollha nixtieq nirringrazzjakom, lilkom benefatturi.

## PROĠETTI EDUKAZZJONI

**FILIPPINI**

Bini ta' klassijiet fiċ-ċentru ta' formazzjoni: **€ 150,000**

Ħlas tal-miżati tal-iskola: **€ 3,000**

## PROĠETTI SOĊJALI

**BOLIVJA**

Bini ta' djar għall-foqra: **€ 10,000**

**KENJA**

Bini ta' ċentru għat-tfajliet abbużati: **€ 40,000**

**FILIPPINI**

Għall-proviżjon tal-ikel għall-foqra: **€ 4,000**

## PROĠETTI OĦRA

**FILIPPINI**

Għall-formazzjoni spiritwali: **€ 8,250**



## PROĠETTI ILMA

**TANŻANIJA**

Tħaffir ta' spieri: **€ 10,000**

**KENJA**

Ġibjun għall-ilma fi skola: **€ 3,500**



EDITORJAL

# RAGĦAJJA GĦAL QALBI

FR MARCELLINO MICALLEF OFM

Kelma profetika. Messaġġ profetiku. M'hemmx isbaħ milli nroddu ħajr bil-ferħ lil Alla quddiem din il-wegħda li huwa wiegħed li mhux sejjer iħalli l-poplu tiegħu mingħajr ragħajja li jiġbruh u jmexxuh. Kelma li seħħet b'mod tassew f'Ġesu' Kristu "Jiena r-ragħaj it-tajjeb' (Ġw 10,11). Hu, 'ir-Ragħaj il-Kbir tan-nagħaġ' (Lh 13,20) ried jafda f'idejn l-Appostli u s-suċċessuri tagħhom il-ministeru li jirgħu l-merħla t'Alla.

Il-wegħda t'Alla hi ħajja u qiegħda taħdem fil-Knisja. Diversi Maltin u Għawdxin ġew ikkonsagrati biex ikunu suċċessuri tal-appostli u jmorru sa truf l-art. B'dan l-editorjal nixtieqhu nuruhom il-gratitudni tagħna. Il-lista hija sabiħa wisq: Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, Mons. Vincent Costa, Isqof ta' Jundiai, Sao Paolo, Brażil, Mons. Robert Camilleri O.F.M., Isqof ta' Comayagua, Ħonduras, Mons. George Frendo, O.P., Arċisqof ta' Tiranë-Durrës, Albanija, Mons. Joseph Spiteri, Arċisqof Titulari ta' Serta u Nunzju Apostoliku ta' Lebanon, Mons. Joe Bonello, O.F.M., Isqof ta' Juticalpa, Ħonduras, Mons. Joe Alessandro O.F.M. Cap., Isqof ta' Garissa, Kenja, Mons. Peter Baldacchino, Isqof Awżiljarju ta' Miami, Florida, Stati Uniti, Mons. George Bugeja O.F.M., Isqof tal-Vigarjati Appostoliku ta' Tripli u Bengażi, Libja u Mons. Carmelo Zammit, Isqof ta' Ġibiltà.

Ma' dawn insemmu wkoll l-isqfijiet emeriti jew irtirati: Mons. Pawlu Cremona O.P., Arċisqof Emeritu, Mons. Walter Ebejer O.P., Isqof Emeritu, Brażil u Mons. Paul Darmanin, O.F.M. Cap. Isqof Emeritu ta' Garissa, Kenja.

Dan iqanqal għat-talb, għat-talb ħerqan mimli fiduċja fl-imħabba tal-Missier, li kif bagħat lil Ibnu fid-dinja, kif bagħat l-appostli, kif bagħat is-suċċessuri tagħhom, hekk ikompli juri lilna llum il-fedeltà u tjieba tiegħu.

**Tlett Ikoni:** F'dawn l-aħħar xhur il-Mulej sejjaħ għall-eternità lil Mons Adeodato Micallef O.C.D. isqof emeritu ġewwa l-Kuwajt, lil Mons. Sylester Magro O.F.M. isqof emeritu ġewwa Benghazi, il-Libja u lil Mons. Emmanuel Barbara O.F.M. Cap. isqof ġewwa Malindi l-Kenja. Kienu t-tlieta missjunarji f'żoni jaħarqu. Ħajjithom kienet anke mhedda. Waqt il-prova ma ħarbux bħal 'ragħaj mikri'. Tlett kelmiet li jispikkaw u jixgħelu ħajjithom huma umiltà, umiltà u umiltà. Vera tlett ikoni!

**Ut Unum Sint:** Mons. Alfred Xuereb irċieva l-konsagrazzjoni episkopali minn idejn il-Q.T. il-Papa Franġisku fil-Bażilka ta' San Pietru fid-19 ta' Marzu 2018. Il-missjoni fdata lilu biex ikun Nunzju Appostoliku fir-Repubblika tal-Korea t'Isfel u l-Mongolja. Il-motto magħżul 'Ħa jkunu lkoll ħaġa waħda' - 'Ut Unum Sint' (Ġw 17,21) jgħid kollox. Awguri.

'Nagħtikom ragħajja għal qalbi' (Ġer 3,15).


Paġna 4 *Esperjenza Missjunarja 2018*
Paġna 6 *Ħidma Missjunarja Fil-Filippini*
Paġna 8 *Missjunarji Maltin Jiltaqgħu F'Manila*
Paġna 10 *L-Ewwel Esperjenza Tagħna*
Paġna 12 *Għajnuna Lil Familji Foqra*
Paġna 14 *Proġetti Fl-Isptar Ta' Makiungu*
Paġna 16 *Henjin Dawk Li Jħennu*
Paġna 18 *Il-Ħajja Episkopali Tiegħi F'Malindi*
Paġna 20 *Hodie Mihi, Cras Tibi*
Paġna 22 *Ħidma Pastorali Fl-Albanija*
Paġna 24 *Il-Frott Tad-Donazzjoni Tiegħek*
Paġna 28 *Festa Tal-Konverżjoni Ta' San Pawl Fil-Pakistan*
Paġna 30 *Esperjenza Li Ma Ninsiha Qatt*
Paġna 32 *Mill-Ħajja Tal-Mission Fund*
Paġna 38 *Attivitajiet Reliġjużi Matul Is-Sena 2018*



Din il-pubblikazzjoni hija maħruġa mill-Mission Fund, 500, Eureka Court, Blk A/6, Triq il-Kbira, Mosta MST 1018
EMAIL: missionfund@global.net.mt - TELEFON: (+356) 2141 3664 - www.missionfund.org.mt



Nirringrazzjaw lil kull min għen biex din il-publikazzjoni setgħet issir u titqassam.
Inħeġġukom tagħmlu użu mill-prodotti u mis-servizzi reklamati f'din ir-rivista.



EDITUR: John Sammut
GRAFIKA: Print it
STAMPA: Print it

JOHN SAMMUT

# ESPERJENZA *Missjunarja 2018*

Wara xhur ta' preparazzjoni, nhar l-Erbgħa 10 ta' Jannar 2018 grupp ta' 13-il voluntier tal-Mission Fund taħt id-direzzjoni ta' Fr Marcellino Micallef OFM tlaqna minn Malta lejn il-Filippini. Wara vjaġġ ta' kważi 22 siegħa wasalna l-ajruport ta' Clark fejn sibna lil Fr Joe Cremona MSSP li tana merħba kbira speċjalment peress li wħud minna kienu diġa ġew hemmhekk fl-esperjenza tas-sena l-oħra. Mill-ajruport tlaqna lejn iċ-Ċentru ta' Formazzjoni Josè Depiro f'Dinalupihan. Għalkemm għajjenin wara dan il-vjaġġ twil, aħna konna entużjasti biex nagħtu bidu għal din l-esperjenza.

Dinaluhipan huwa muniċipju b'popolazzjoni ta' madwar 106,000 u jinsab fil-provinċja ta' Bataan. Hemmhekk Fr Joe bena ċentru ta' formazzjoni msemmi għall-fundatur tas-Soċjetà Missjunarji ta' San Pawl, Mons. Ġużeppi Depiro, li fih jiġbor numru konsiderevoli ta' tfal u żgħażagħ sabiex dawn jingħataw formazzjoni spiritwali.



Kieku dawn it-tfal u żgħażagħ ma jattendux f'dan iċ-ċentru, huma jispiċċaw fit-toroq bil-periklu li jinqabdu fiċ-ċirku vizzjuż tad-droga li hija komuni ħafna f'dawn l-inħawi. Barra mill-formazzjoni spiritwali dawn iż-żgħażagħ jitgħallmu l-mużika minn mużiċisti tal-lokal kif ukoll minn mużiċisti Maltin permezz tat-teknoloġija Skype. Fil-fatt dawn jiffurmaw orkestra li tpaxxi l-widnejn ta' kull min jismagħhom.

L-iskop prinċipali ta' din l-esperjenza kien biex aħna noffru l-għajnuna tagħna lil Fr Joe Cremona biex jitwettqu diversi xogħolijiet. Il-ġurnata tax-xogħol tagħna kienet tibda b'laqgħa ta' talb fil-kappella. Wara li konna nieħdu l-kolazzjon ta' filgħodu kulħadd kien imur fuq xogħolu. Filgħaxija konna ninġabru fil-kappella biex nirreċitaw ir-rużarju u biex nieħdu sehem fl-Ewkaristija li kienet tiġi ċċelebrata minn Fr Marcellino. Waqt l-omelija konna nieħdu sehem attiv f'diskussjoni fuq it-tema tal-evanġelju.

Ix-xogħolijiet li saru matul din l-esperjenza kienu jikkonsistu hekk:

(i) Bdil ta' saqaf tal-Kappella ta' Santa Katarina

(ii) Xogħol ta' kostruzzjoni

(iii) Tqegħid ta' konkos fiċ-Ċentru ta' Formazzjoni Josè Depiro

(iv) Xogħol ta' żebgħa fil-faċċata taċ-ċentru

(v) Tagħlim ta' hairdressing lil tfajliet u nisa foqra

(vi) Xogħol u tagħlim ta' ħjata lil persuni foqra

(vii) Tagħlim tal-Ingliż lil tlett aspiranti Vjetnamiżi li qed jistudjaw għas-saċerdozju u



taghlim tal-Matematika lil żewġ studenti żgħażagħ

(viii) Tisjir għall-voluntiera kollha

(ix) Tindif tal-kwartieri fejn konna noqgħodu

(x) Xiri tal-bżonnijiet ta' kuljum

Meta konna hemmhekk stajna nammiraw il-klassijiet il-ġodda li kienu ġew mibnija mill-voluntiera tal-Mission Fund waqt l-esperjenza li saret is-sena l-oħra. Dawn il-klassijiet se jintużaw għat-tagħlim tal-installazzjoni tal-elettriku u tal-electronics sabiex l-istudenti li se jattendu jkollhom opportunità ta' xogħol.

Żorna wkoll xi familji foqra. L-ewwel familja li żorna kienet tikkonsisti f'omm li trid tieħu ħsieb ir-raġel tagħha kif ukoll lit-tifel il-kbir bi bżonnijiet speċjali. Ir-raġel tagħha jinsab marid u allura ma jaħdimx. Barra minn hekk hija għandha żewġ ulied oħra. Biex tmantni l-familja tagħha fil-passat hija kienet tagħmel xogħol ta' ħasil ta' ħwejjeġ għan-nies. Imma bil-għajnuna finanzjarja minn Fr Joe hija bniet kċina sabiex tkun tista' tbiegħ oġġetti tal-ikel. Is-sena l-oħra din il-familja rċeviet għajnuna oħra minn Fr Joe biex jinbidel is-saqaf tal-kamra fejn joqogħdu. Din is-sena Fr Joe se jixtrilhom biċċa art biex tkun tista' tinbena dar xierqa għal din il-familja. Barra minn hekk, uħud mill-voluntiera tal-Mission Fund tawhom xirja tal-oġġetti tal-ikel u oġġetti bżonnjużi oħra.

Waqt iż-żjara tat-tieni familja ltqajna ma' armla li għandha ħamest itfal fosthom tarbija ta' sena. Ir-raġel tagħha kien miet f'daqqa waqt li kien qed jaħdem fl-għalqa ftit ġranet wara li twieldet it-tarbija. Biex tmantni l-familja tagħha din l-omm ikollha toħroġ taħdem u tħalli t-tfal tagħha ma' ommha.

It-tielet żjara ħaditna ġo familja oħra fejn il-missier huwa mejjet u hemm żewġt aħwa bi bżonnijiet speċjali. Wieħed mill-aħwa kien jaħdem bħala furnar imma m'għadhux. Din il-familja toqgħod f'dar mhux tagħhom u dalwaqt se jkollhom joħorġu minn din id-dar. Għalhekk Fr Joe se jgħinhom billi jibnilhom dar oħra.

Fl-aħħar żjara li għamilna sibna familja li għandha ħafna problemi soċjali. Lil kull familja li żorna tajnihom kaxxa mimlija oġġetti tal-ikel. Barra minn hekk inxtraw żewġ fridges lil żewġ familji permezz ta' donazzjonijiet minn xi membri tal-Mission Fund. Voluntiera oħra xtraw ukoll wheelchair lil familja minnhom għal persuna bi bżonnijiet speċjali.



JOHN SAMMUT

# *Ħidma Missjunarja Fil-Filippini*

Il-Filippini tikkonsisti f'7,641 gżejjer u għandha popolazzjoni ta' kważi 101 miljun, li 81% minnhom huma kattoliċi. Il-belt kapitali hija Manila. Il-Filippini hija maqsuma f'81 provinċji u dawn terġa' maqsumin f'muniċipji u bliet.

Fr Joe Cremona MSSP ilu jaħdem bħala missjunarju għal dawn l-aħħar 12-il sena bħala kappillan fil-parroċċa ta' Santa Katerina ta' Lixandra li tinsab fil-muniċipat ta' Dinalupihan fil-provinċja ta' Bataan. Huwa jagħti formazzjoni spiritwali lil numru ta' tfal li jattendu fiċ-Ċentru ta' Formazzjoni Josè Depiro li bena huwa stess.

Waqt l-esperjenza missjunarja li għamilna fil-Filippini f'Jannar li għadda aħna attendejna għaċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika fejn madwar 120 tifel u tifla rċevew l-Ewwel Tqarbina. Dawn it-tfal ġew ippreparati għal din il-ġurnata sabiħa u mportanti għall-ħajjithom permezz ta' numru ta' katekisti. Waqt din iċ-ċelebrazzjoni it-tfal xegħlu xemgħa b'turija tal-fidi tagħhom. Il-qofol ta' din iċ-ċelebrazzjoni ntlaħaq meta t-tfal irċevew l-Ewkaristija megħjuna mill-katekisti. Wara li spiċċat il-quddiesa il-voluntiera tal-Mission Fund ppreżentaw kuruni kif ukoll xi rigali u oġġetti tal-ikel lit-tfal kollha.

F'okkażjoni oħra assistejna għall-quddiesa taż-żwieġ bejn għarusa Filippina Kattolika u għarus Ċiniż. Din kienet ċelebrazzjoni unika fejn l-għarus irċieva erba' sagramenti f'daqqa: il-Magħmudija, il-Griżma, L-Ewwel Tqarbina u ż-Żwieġ. Uħud mill-voluntiera tal-Mission Fund kienu il-parrini tal-Magħmudija u tal-Griżma u x-xhieda waqt iċ-ċelebrazzjoni taż-Żwieġ. L-erba' ulied ta' dawn l-għarajjes, żewġ subien u żewġt ibniet, assistew għal din iċ-ċelebrazzjoni li kienet immexxija minn Fr Joe Cremona u Fr Marcellino Micallef. Kif spiċċat il-quddiesa aħna tajna l-awguri tagħna lil dawn iż-żewġ għarajjes filwaqt li ppreżentajnilhom rigal.



Attendejna wkoll għall-festa tal-familji li Fr Joe jorganizza kull sena fl-aħħar Ħadd ta' Jannar. L-iskop ta' din il-festa huwa biex il-familji kollha tal-madwar jiltaqgħu u jaqsmu bejniethom xi ħaġa tal-ikel li kulħadd iġib miegħu. Fl-istess ħin jiġi organizzat kant u żfin minn diversi gruppi tal-parroċċa. Ħadu sehem ukoll orkestra ta' tfal u żgħażagħ bejn is-7 u 17-il sena li ġiet iffurmata b'inizjattiva ta' Fr Joe. Il-voluntiera tal-Mission Fund ma naqsux li jieħdu sehem fejn kantaw żewġ kanzunetti Maltin: il-Karozzin u Viva Malta. Huma kienu akkumpanjati minn tfajjel Filippin fuq il-kitarra. Waqt din il-preżentazzjoni ġew murija żewġ filmati dwar Malta.





Aħna żorna wkoll l-iskola Madre Margherita de Brincat li hija mmexxija mis-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù fejn iltqajna ma' żewġ sorijiet Maltin Sr Gemma Fenech u Sr Celina Cini. Madwar 1,000 student jattendu din l-iskola. Hemmhekk kellna l-okkażjoni li nattendu għaċ-ċelebrazzjoni li saret f'egħluq il-25 sena minn meta nfetħet din l-iskola u kif ukoll egħluq il-50 anniversarju tal-professjoni solenni ta' Sr Celina u Sr Agnes. Għal din l-okkażjoni ġiet ikkonċelebrata l-Ewkaristija mill-Isqof Ruperto Cruz Santos, Fr Marcellino Micallef OFM u Fr Joe Cremona MSSP. Kienu preżenti l-istudenti kollha tal-iskola kif ukoll is-sindku ta' Bataan is-Sinjorina Maria Angela Garcia. Waqt il-quddiesa Sr Celina u Sr Agnes reġgħu ikkonfermaw il-wegħdiet tal-professjoni tagħhom.

F'isem il-Mission Fund Sylvia Ebejer ippreżentat donazzjoni lil Sr Celina biex jinbnew żewġ klassijiet oħra sabiex jakkomodaw iżjed studenti.

Imbagħad morna fil-bitħa fuq il-post fejn se jinbnew dawn il-klassijiet. Fr Marcellino bierek dan il-post fil-preżenza ta' wħud mill-istudenti. Wara l-istudenti ippreżentawilna banner bħala apprezzament tal-għajnuna li rċevew mill-Mission Fund.

Wara dan ġejna mdawra ma' xi klassijiet fejn l-istudenti laqgħuna bi tislima tipika tagħhom. Sr Celina spjegat lill-istudenti li l-klassijiet il-ġodda se jinbnew bil-għajnuna tal-Mission Fund biex ikun jista' jikber in-numru ta' studenti li jattendu din l-iskola. Hija spjegat ukoll li wħud minn dawn l-istudenti titħallsilhom il-miżata tal-iskola permezz tad-donazzjonijiet li jingħataw b'mod regolari mill-Mission Fund. Iltqajna wkoll ma' wieħed mill-prinċipali tal-iskola li kien tilef il-ġenituri tiegħu f'età żgħira u għalhekk trabba fil-faqar. Meta kien student huwa kien wieħed minn dawn it-tfal foqra li kienu jirċievu l-għajnuna finanzjarja mill-iskola. Waqt li kien qed jirrakonta minn x'hiex għaddha fi tfulitu huwa ma felaħx jikkontrolla l-emozjonijet tiegħu. Huwa saħaq fuq l-importanza tal-edukazzjoni u kkonferma li min hu fqir xorta waħda jista' jisfrutta l-potenzjal tiegħu. Fil-fatt permezz tal-għajnuna li rċieva mis-sorijiet huwa rnexxielu jilħaq f'din il-pożizzjoni għolja. Aħna ppreżentajnhielu xi rigali kif ukoll lil xi tfal foqra oħra.

Imbagħad żorna lis-Sorijiet Franġiskani Ulied il-Qalb ta' Ġesú (magħrufa wkoll bħala ta' Nuzzo) fejn ġejna milqugħa minn Sr Marianne Farrugia. Hemmhekk ġejna murija diversi kmamar fejn isiru irtiri għaż-żgħażagħ. Ġiet ippreżentata donazzjoni lil Sr Marianne biex tkun tista' tgħin aktar żgħażagħ biex jattendu għall-irtiri.



JOHN SAMMUT

# MISSJUNARJI
## *Maltin Jiltaqgħu f'Manila*

Il-grupp ta' voluntiera tal-Mission Fund li għamilna l-esperjenza missjunarja fil-Filippini għamilna żjara ta' jumejn fil-belt kapitali ta' Manila.  Filgħodu kmieni tlaqna għal dan il-vjaġġ ta' sagħtejn. F'nofs il-vjaġġ żorna il-Knisja Parrokkjali ta' San Guliermu li tinsab f'Pampanga. Din il-knisja kienet inbniet fl-1886 li ħadet post l-oħra oriġinali li kienet inqerdet b'terrimot. F'Settembru tal-1995 il-knisja ġiet milquta minn 'lahar' (li tikkonsisti minn tajn u debris) li ħareġ mill-muntanja Pinatubo. Dan għarraq il-knisja b'fond ta' madwar 6 metri b'tali mod li t-tieqa li kienet fit-tieni sular issa ġiet il-bieb prinċipali tal-knisja. Però dan ma naqqasx is-sbuħija ta' din il-knisja.



Meta wasalna Manila morna nżuru l-Bażilika Minura tal-Black Nazarene li tinsab fi Plaza Miranda. Hemm devozzjoni qawwija lejn l-istatwa tan-Nazzarenu speċjalment fil-festa li tiġi ċċelebrata fid-9 ta' Jannar fejn miljuni ta' pellegrini jieħdu sehem fil-purċissjoni. L-istatwa kienet ġiet skolpita fil-Messiku minn skultur anonimu u kienet ittieħdet Manila fil-31 ta' Mejju 1606.  Hemm min jgħid li l-wiċċ ta' Kristu huwa iswed minħabba nirien li ħakmu il-vapur hu u ġej mill-Messiku. Oħrajn jgħidu li sar hekk minħabba l-kwantità ta' xemgħat li jinxtegħlu quddiemu.







Imbagħad morna f'post fejn hemm kwartieri tal-'isquatters'. Kienet xena ta' qsim il-qalb fejn rajna nies jgħixu f'kundizzjonijiet li ma jixirqux id-dinjità tal-bniedem. Dawn joqogħdu f'gabubi waħda ħdejn l-oħra u waħda fuq l-oħra b'kuritur dejjaq bejniethom minn fejn kien għaddej id-drenaġġ. Dawn id-djar huma nfestati bil-ġrieden speċjalment bil-lejl. Hemmhekk qassamna xi ħelu kemm lit-tfal kif ukoll lill-adulti. Meta ħriġna minn hemm konna akkumpanjati minn numru ta' tfal u lil dawn qassamnilhom ftit ħelu.

Filgħaxija fakkarna l-festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl billi assistejna għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija li saret fid-Dar tal-Formazzjoni tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. Il-quddiesa kienet ikkonċelebrata minn Fr Marcellino Micallef OFM, Fr Hector Attard MSSP u Fr Stephan Mifsud MSSP. Assistew ukoll Rev Giovanni Tabone u Rev Alex Zammit li f'April li għadda ġew ordnati saċerdoti tal-istess soċjetà missjunarja. Kienu preżenti wkoll Fr Mark Demanuele MSSP, is-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesú Sr Gemma Fenech u Sr Celina Cini, kif ukoll Sr Marianne Farrugia tal-kongregazzjoni Franġiskana Ulied il-Qalb ta' Ġesú (ta' Nuzzo) u Sr C. Terenzia Maniscalco tal-kongregazzjoni Karmelitana ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù.

Wara l-quddiesa ġew ippreżentati donazzjonijiet lil Sr Terenzia biex tgħin fl-edukazzjoni tat-tfal foqra, u lil Fr Hector għall-formazzjoni reliġjuża.

Din l-okkażjoni laqqgħet flimkien lil dawn il-missjunarji Maltin u Għawdxin li qed iservu f'dan il-pajjiż enormi b'popolazzjoni ta' 101 miljun sabiex ixandru l-Bxara lil dawk li huma inqas ixxurtjati minna.

F'okkażjoni oħra żorna l-kunvent tas-Sorijiet tad-Dorotej fejn konna milqugħa minn Sr Annie Catania li spjegatilna l-ħidma tagħha. Hemmhekk rajna numru ta' nisa jaħmu l-pastini biex mill-bejgħ tagħhom ikollhom daqsxejn ta' dħul għalihom. Rajna wkoll numru ta' tfal ta' età żgħira li jiġu mgħallma minn għalliema tal-lokal.

Imbagħad ġiet ippreżentata donazzjoni lil Sr Annie b'risq il-proġett ta' bini ta' djar għall-foqra. Fil-fatt morna nżuru l-ħamest idjar li tlestew permezz ta' dan il-proġett filwaqt li qed jinbnew tmient idjar oħra. Ħdejn dawn id-djar inbniet ukoll kappella. Sr Annie kienet rikonoxxenti ħafna lejn il-Mission Fund u l-benefatturi kollha, peress li bil-għajnuna li rċeviet mingħandhom, dan il-proġett li kienet ilha toħlom bih issa qed isir realtà.

JOHN SAMMUT

# L-Ewwel *Esperjenza Tagħna*

Fost il-voluntiera tal-Mission Fund li għamlu esperjenza missjunarja fil-Filippini f'Jannar ta' din is-sena kien hemm erba' persuni li għalihom din kienet l-ewwel esperjenza.

Il-koppja Paul u Marthese Axisa kienu ilhom żmien jixtiequ li jagħmlu esperjenza missjunarja imma qatt ma kellhom il-possibbiltà li jwettqu din il-ħolma. Huma ilhom 27 sena miżżewġin u għandhom żewġt itfal. Paul huwa mastrudaxxa u Marthese taħdem bħala infermiera. Għalhekk huma kellhom jitilqu x-xogħol tagħhom għal xahar sħiħ sabiex jingħaqdu mal-kumplament tal-grupp ta' voluntiera għal din l-esperjenza. Barra minn hekk dan kien l-ewwel darba li kellhom iħallu t-tfal tagħhom waħidhom għal dan it-tul taż-żmien.





Matul din l-esperjenza l-aktar ħaġa li laqtithom kien il-faqar li raw meta marru jżuru familja li għandhom tifel bi bżonnijiet speċjali. Fil-fatt għadhom s'issa jġibuhom quddiem għajnejhom. Huma stqarrew li hemm differenza kbira li tisma' dwar il-faqar jew tarah fuq it-televiżjoni milli tarah b'għajnejk u tmissu b'idejk. Meta wieħed jara tfal jgħixu f'dik il-miżerja bilfors li tibqa' mpressjonat.

Għal Marthese u Paul din l-esperjenza għallmithom li m'hemmx għalfejn li wieħed jgħix fil-lussu biex ikun ferħan. Dawn in-nies jgħixu fis-sempliċità iżda għandhom il-ferħ ġewwa qalbhom. Huma qalu wkoll li l-faqar iġib ċertu għaqda fil-familja għax kulħadd iħoss il-bżonn li jagħti s-sehem tiegħu. Huma ġew għal din l-esperjenza biex jagħtu imma minflok huma rċevew ħafna għax matul dan ix-xahar huma għixu ħajja trankwilla



il-bogħod mill-istress tal-ħajja mgħaġġla.

Pauline Micallef hija mara bieżla u sensittiva ħafna. Hija tħobb tgħin lil kulħadd u taħdem bħala hairdresser. Hija għandha żewġt itfal u neputija. Pauline tħajjret li tagħmel din l-esperjenza wara li ltaqgħet ma' persuna li qalla dwar il-ħidma li qed jagħmel Fr Joe Cremona fil-Filippini.  Matul din l-esperjenza hija mpressjonat ruħha bl-imġieba tant devota tal-persuni li jattendu għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. Hija seħqet dwar l-importanza li wieħed għandu jieħu sehem attiv fil-quddiesa u li jifhimha u jgħixha.

Pauline qalet li l-aktar ħaġa li mpressjonata kienet meta rat persuni foqra neqsin mill-affarijiet bażiċi tal-ħajja. Għalhekk hija tgħallmet li għandha tapprezza aktar il-ħajja u li għandna nirringrazzjaw lill-Mulej għall-fatt li kull filgħodu nqumu b'saħħitna biex inkunu nistgħu nwettqu l-ħidma tagħna.  Il-messaġġ tagħha lil kull min jixtieq li jagħmel esperjenza missjunarja huwa biex jagħmlu l-kuraġġ u jieħdu dan il-pass li żgur jimlihom b'ħafna ferħ u sodisfazzjon.

Philip Gatt huwa raġel ta' 57 sena u huwa miżżewweġ b'żewġt itfal. Huwa rtirat imma kien jaħdem bħala mastrudaxxa. Huwa jagħmel volontarjat fid-Dar tal-Providenza. Huwa kien minn dejjem jixtieq li jagħmel esperjenza missjunarja speċjalment meta kien jara xi xeni ta' faqar fuq it-televiżjoni. Imma meta tara l-faqar fir-realtà l-istorja hija kompletament differenti bħal meta wieħed jaqra  ktieb wara li jkun ra l-qoxra tiegħu. Philip qal li matul din l-esperjenza l-anqas seta' jemmen li jeżisti daqshekk faqar: tara waħda u tinsa l-oħra. Huwa staqsa x'ta iżjed lil Alla minn dawn in-nies biex jimmeritah il-kumditajiet li aħna ngħixu fihom f'pajjiżna. Alla ħalaq l-għixien għal kulħadd imma minħabba l-inġustizzji li hawn f'dawn il-pajjiżi dawn in-nies qed isofru l-effetti tal-inġustizzji. Philip qal li mhux possibbli tiddeskrivi l-kwalità tal-faqar li hawn imma wieħed irid jiġi u jara. Ħafna nies qed jgħixu f'kundizzjonijiet li l-anqas huma denji biex jgħixu fihom l-annimali aħseb u ara l-bniedem.

Philip qal li l-messaġġ li jixtieq jagħti lill-voluntiera li jixtiequ jagħmlu esperjenzi simili huwa l-kliem "ejja u ara". Huwa jixtieq li jerġa jagħmel esperjenza oħra u bi ħsiebu jħajjar lill-ħbiebu biex jiġu miegħu. Huwa qal li għad fadal ħafna xogħol xi jsir f'din il-parroċċa li kien fiha. Il-ħaddiema tal-lokal għandhom ħafna limitazzjonijiet. Per eżempju sempliċi baqqun ma jeżistix. Fil-fatt huwa ra wieħed qed ibaqqan permezz ta' biċċa njama b'musmar ġo fiha u jtiha bil-martell. Dawn l-affarijiet l-anqas biss jiġuna f'moħħna.



SR ANNIE CATANIA

# Għajnuna lil Familji Foqra

Sr Annie Catania kienet għalliema għal ħafna snin fl-iskola tad-Dorotej f'Malta. Meta rtirat mix-xogħol hija ddeċidiet li tmur taħdem fil-missjoni. Hija għamlet tlettax-il sena taħdem mal-lebbużi fl-Eġittu, u kienet ittella' gruppi fil-Brażil u Angola qabel ma ġiet taħdem fil-Filippini. Sr Catania llum għandha 79 sena u m'għandha l-ebda ħsieb li tieqaf minn dan ix-xogħol.

Ix-xogħol tagħna huwa mal-ommijiet u tfal foqra. Aħna nħallsulhom it-trasport biex jiġu t-tfal hawnhekk flimkien ma' l-ommijiet tagħhom. Jekk ma tipprovdilhomx it-trasport huma ma jiġux għax jgħidu li m'għandhomx flus biex iħallsu għat-trasport. Huma jgħidulek li flok iħallsu għat-trasport huma jippreferu jixtru ftit frott u joqgħodu d-dar. U ma ttihomx tort!

Għall-ommijiet aħna norganizzawlhom korsijiet imma l-ommijiet li qed jiġu bħalissa qatt ma marru skola u għalhekk qed nippruvaw ngħallmuhom ftit ħiliet bħal ħjata, tisjir jew kif jagħmlu xi basktijiet. Dawn l-ommijiet ilhom jiġu hawn għal dawn l-aħħar sentejn u tgħallmu jaħmu l-pastini u jmorru jbiegħuhom kull nhar ta' Ħadd. B'hekk ikollhom naqra dħul għalihom. Jien ikolli mmur magħhom għax jekk in-nies ma jarawx soru magħhom ma jixtrux. Fil-fatt qabel ma jixtru in-nies isaqsuni fejn ġew maħduma għax jibżgħu li ma jkunux saru b'mod iġeniku.

Lill-ommijiet li jattendu l-korsijiet li norganizzaw aħna nagħtuhom ċertifikat fi tmiem tal-korsijiet biex ikollhom x'juru. Fil-fatt dawn il-korsijiet taw il-frott tagħhom għax hemm tlieta li ħadu dawn il-korsijiet fetħu ħanut tal-'hairdressing' u tnejn oħra li fetħu



ħanut tan-negozju. Huma grati ħafna lejna għax b'hekk tajnihom mezz tal-għixien. Diment li ma jkunux f'qagħda estrema aħna flus ma nagħtuhomx għax nibżgħu li jużawhom għal xi skopijiet oħra. Meta jiġu jitolbuna l-għajnuna biex jixtru xi mediċina aħna mmorru magħhom għand it-tabib u mbagħad nixtrulhom il-mediċina li jkun hemm bżonn.

It-tfal li jiġu ma' ommijiethom aħna nagħtuhom edukazzjoni elementari. Għandna għalliema voluntiera li jieħdu ħsieb lil dawn it-tfal u jgħallmuhom b'mod interattiv u anke jorganizzawlhom xi logħob.

Ftit il-bogħod mill-kunvent tagħna hemm żona fejn joqogħdu familji f'kundizzjonijiet li huma vera miżerabbli. Jiena meta darba mort inżur lil dawn il-familji ħassejt qalbi tingħafas u ddeċidejt li nagħmel xi ħaġa biex intaffijlhom it-tbatija li qed jgħixu fiha.

B'hekk kull darba li kont niġi Malta kont nipprova norganizza attivitajiet ta' ġbir ta' fondi. Barra minn hekk għandna bazaar l-Imdina li jinfetaħ matul il-ġimgħa inkluż il-Ħadd. It-talb tiegħi instema' għax permezz tal-għajnuna li tawni l-Mission Fund irnexxieli nixtri biċċa art u bdejna nibnu djar għal dawn il-familji foqra. Diġà tlestew ħamest idjar li fihom qed jgħixu xi familji. Meta tajnihom iċ-ċwievet għal dawn id-djar kien hemm raġel li beda jibki filwaqt li qal li issa jista' jibda jgħix bid-dinjità.

Fil-preżent qed jinbnew ukoll tmint idjar oħra biex b'hekk b'kollox inkunu bnejna tlettax-il dar. Irnexxielna wkoll nibnu kappella peress li fil-viċin m'hemm l-ebda knisja kattolika. Dan il-proġett kien possibbli li jitwettaq bis-saħħa tal-ġenerożità kbira tal-Maltin u l-Għawdxin u permezz tal-għajnuna li rċevejna mill-Mission Fund. Għalhekk nixtieq nirringrazzja lill-benefatturi kollha li bl-offerti tagħhom qed jagħmlu differenza fil-ħajja ta' tant u tant familji.








SR MARIA BORDA MMM

# PROĠETTI

# Fl-Isptar Ta' Makiungu

Fost il-voluntiera tal-Mission Fund li għamlu esperjenza missjunarja fil-Filippini f'Jannar ta' din is-sena kien hemm erba' persuni li għalihom din kienet l-ewwel esperjenza.

Il-koppja Paul u Marthese Axisa kienu ilhom żmien jixtiequ li jagħmlu esperjenza missjunarja imma qatt ma kellhom il-possibbiltà li jwettqu din il-ħolma. Huma ilhom 27 sena miżżewġin u għandhom żewġt itfal. Paul huwa mastrudaxxa u Marthese taħdem bħala infermiera. Għalhekk huma kellhom jitilqu x-xogħol tagħhom għal xahar sħiħ sabiex jingħaqdu mal-kumplament tal-grupp ta' voluntiera għal din l-esperjenza. Barra minn hekk dan kien l-ewwel darba li kellhom iħallu t-tfal tagħhom waħidhom għal dan it-tul taż-żmien.

Matul din l-esperjenza l-aktar ħaġa li laqtithom kien il-faqar li raw meta marru jżuru familja li għandhom tifel bi bżonnijiet speċjali. Fil-fatt għadhom s'issa jġibuhom quddiem għajnejhom. Huma stqarrew li hemm differenza kbira li tisma' dwar il-faqar jew tarah fuq it-televiżjoni milli tarah b'għajnejk u tmissu b'idejk. Meta wieħed jara tfal jgħixu f'dik il-miżerja bilfors li tibqa' mpressjonat.

Għal Marthese u Paul din l-esperjenza għallmithom li m'hemmx għalfejn li wieħed jgħix fil-lussu biex ikun ferħan. Dawn in-nies jgħixu fis-sempliċità iżda għandhom il-ferħ ġewwa qalbhom. Huma qalu wkoll li l-faqar iġib ċertu għaqda fil-familja għax kulħadd iħoss il-bżonn li jagħti s-sehem tiegħu.

Huma ġew għal din l-esperjenza biex jagħtu imma minflok huma rċevew ħafna għax matul dan ix-xahar huma għixu ħajja trankwilla il-bogħod mill-istress tal-ħajja mgħaġġla.

Pauline Micallef hija mara bieżla u sensittiva ħafna. Hija tħobb tgħin lil kulħadd u taħdem bħala hairdresser. Hija għandha żewġt itfal u neputija. Pauline tħajjret li tagħmel din l-esperjenza wara li ltaqgħet ma' persuna li qalla dwar il-ħidma li qed jagħmel Fr Joe Cremona fil-Filippini. Matul din l-esperjenza hija mpressjonat ruħha bl-imġieba tant devota tal-persuni li jattendu għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. Hija sejqet dwar l-importanza li wieħed għandu jieħu sehem attiv fil-quddiesa u li jifhimha u jgħixha.



Pauline qalet li l-aktar ħaġa li mpressjonata kienet meta rat persuni foqra neqsin mill-affarijiet bażiċi tal-ħajja. Għalhekk hija tgħallmet li għandha tapprezza aktar il-ħajja u li għandna nirringrazzjaw lill-Mulej għall-fatt li kull filgħodu nqumu b'saħħitna biex inkunu nistgħu nwettqu l-ħidma tagħna. Il-messaġġ tagħha lil kull min jixtieq li jagħmel esperjenza missjunarja huwa biex jagħmlu l-kuraġġ u jieħdu dan il-pass li żgur jimlihom b'ħafna ferħ u sodisfazzjon.







Philip Gatt huwa raġel ta' 57 sena u huwa miżżewweġ b'żewġt itfal. Huwa rtirat imma kien jaħdem bħala mastrudaxxa. Huwa jagħmel volontarjat fid-Dar tal-Providenza. Huwa kien minn dejjem jixtieq li jagħmel esperjenza missjunarja speċjalment meta kien jara xi xeni ta' faqar fuq it-televiżjoni. Imma meta tara l-faqar fir-realtà l-istorja hija kompletament differenti bħal meta wieħed jaqra ktieb wara li jkun ra l-qoxra tiegħu. Philip qal li matul din l-esperjenza l-anqas seta' jemmen li jeżisti daqshekk faqar: tara waħda u tinsa l-oħra. Huwa staqsa x'ta iżjed lil Alla minn dawn in-nies biex jimmeritah il-kumditajiet li aħna ngħixu fihom f'pajjiżna. Alla ħalaq l-għixien għal kulħadd imma minħabba l-inġustizzji li hawn f'dawn il-pajjiżi dawn in-nies qed isofru l-effetti tal-inġustizzji. Philip qal li mhux possibbli tiddeskrivi l-kwalità tal-faqar li hawn imma wieħed irid jiġi u jara. Ħafna nies qed jgħixu f'kundizzjonijiet li l-anqas huma denji biex jgħixu fihom l-annimali aħseb u ara l-bniedem.

Philip qal li l-messaġġ li jixtieq jagħti lill-voluntiera li jixtiequ jagħmlu esperjenzi simili huwa l-kliem "ejja u ara". Huwa jixtieq li jerġa jagħmel esperjenza oħra u bi ħsiebu jħajjar lill-ħbiebu biex jiġu miegħu. Huwa qal li għad fadal ħafna xogħol xi jsir f'din il-parroċċa li kien fiha. Il-ħaddiema tal-lokal għandhom ħafna limitazzjonijiet. Per eżempju sempliċi baqqun ma jeżistix. Fil-fatt huwa ra wieħed qed ibaqqan permezz ta' biċċa njama b'musmar ġo fiha u jtiha bil-martell. Dawn l-affarijiet l-anqas biss jiġuna f'moħħna.

JOE MIFSUD

# HENJIN DAWK LI JĦENNU

Sr Irene Balzan MMM hi soru minn Ħaż-Żebbuġ, membru tal-kongregazzjoni *Medical Missionaries of Mary*. Sorijiet li jagħtu servizz fis-settur tas-saħħa. Fosthom insibu infermiera, spiżjara, qwiebel, tobba, kirurgi u speċjalisti fil-qasam tat-tqala. Tul dawn l-aħħar 18-il-sena, Sr Irene offriet servizz fl-Uganda, fil-Kenja, fin-Niġerja, fil-Benin u fis-Sudan t'Isfel.



Sr Irene intalbet biex tibda missjoni ġdida f'Wau fis-Sudan t'Isfel fis-sena 2013 hekk kif intemmet gwerra ċivili qalila li ħalliet warajha ġrieħi kbar. Inqatlu eluf ta' persuni filwaqt li rħula sħaħ tilfu kull ma kellhom saħansitra l-għarix fqajjar fejn kienu jgħammru. Iridu jibdew kollox mill-ġdid.

## Tħaffir ta' Spieri



Jgħinu lil Sr Irene fl-inħawi ta' Wau hemm 2 sorijiet oħra. Wau kien tbattal minn nies minħabba l-gwerra. Bdew ġejjin in-nies lura.... iżda ma sabu xejn. Il-Ġnus Magħquda qed jgħinu kemm jistgħu billi jipprovdu tined u ikel. Fil-preżent irritornaw madwar 20,000 ruħ. Ma jeżistux servizzi essenzjali. Mingħajr elettriku u sistema ta' drenaġġ b'xi mod tgħaddi, iżda mingħajr ilma ma tgħaddix. Sr Irene ikkalkolat li kien hemm bżonn 10 spieri biex

in-nies jinqdew. Talbet lil Mission Fund u bil-għajnuna tagħkom bdejna nibgħatu € 10,000 għal kull spiera. S'issa hemm 6 lesti. Kemm ferħu n-nies meta Sr Irene tagħtom l-aħbar tal-għajnuna u kemm ferħu iżjed meta raw l-ewwel spiera lesta. Sr Irene ħatret kumitati li jindokraw l-ispieri u jmexxu it-tqassim tal-ilma.

**Tilqim ta' trabi u tfal.**

Sr Irene kienet taf minn esperjenzi li kellha f'pajjiżi Afrikani oħra kemm jista jiġi evitat mard u mwiet jekk it-trabi jitlaqqmu. Ma stennietx li jkollha klinika iżda bdiet dan is-servizz taħt xi siġra għad-dell. Il-queue dejjem jitwal... speċjalment jekk it-tfal jingħataw ħelwa.

**Ċentru tas-saħħa**

Bil-għajnuna li intom offrejtu lill-Mission Fund inbena ċentru tas-saħħa fejn in-nies jistgħu jirrikorru għall-għajnuna.

Timmaġinaw ċentru tas-saħħa mingħajr provvista tal-elettriku? Iva din realtà anke fiż-żmienijiet tal-lum. Bil-għajnuna t'Alla il-Mission Fund qed taħdem ma' Sr Irene biex jinxtraw pannelli ħalli jkun jista' jintuża l-apparat mediku li s'issa għadu jistenna fil-kaxxi. L-għajnuna tagħkom issarraf ħafna. Grazzi mill-qalb.

Is-sorijiet MMM dejjem ifittxu l-periferija. Fehmuh sew l-appell tal-Papa Franġisku. Iħallu kollox biex jgħinu lill-persuni li l-aktar għandhom bżonn. Jiġru wara l-miżerja. Joffru ħajjithom biex itejjbu l-ħajja ta' persuni oħra. Persuni għeżież li għaddejjin minn tbatija. F'dawn il-persuni is-sorijiet jaraw il-persuna ta' Ġesù. 'Dak li tagħmlu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti tkunu qed tagħmluh miegħi' (Mt: 25:40).





MONS EMANUEL BARBARA

# Il-Ħajja Episkopali Tiegħi F'Malindi

Dan l-artiklu inkiteb minn Mons Emanuel Barbara qabel ma l-Mulej sejjaħlu fil-5 ta' Jannar 2018. L-Isqof Emanuel Barbara, ħadem għal 26 sena sħaħ mal-foqra fl-Afrika. Huwa ġie ordnat Isqof tad-Djoċesi ta' Malindi, fil-Kenja fl-2011. Fl-2013 il-Papa Franġisku ħatar lill-Isqof Emanuel Barbara bħala Amministratur Apostoliku tad-Djoċesi ta' Mombasa.

Id-djoċesi ta' Malindi tikkonsisti fi 18-il parroċċa li tnejn minnhom għadhom qed jiġu ffurmati minħabba nuqqas ta' saċerdoti. F'din id-djoċesi hemm 32 saċerdot li jridu jlaħħqu ma' dawn il-parroċċi kollha. Dan ifisser li f'kull parroċċa hemm saċerdot wieħed biss jew l-iżjed tnejn. Fil-fatt hemm lok ta' iżjed parroċċi biex jiġu milħuqa aktar persuni imma m'hemmx biżżejjed saċerdoti. Nirringrazzja 'l Alla għandna numru ta' vokazzjonijiet. Però aħna rridu nħallsu għall-formazzjoni tagħhom u biex nitimgħuhom peress li dawn ġejjin minn familji foqra ħafna.

Bħal kull djoċesi oħra fl-Afrika, fid-djoċesi ta' Malindi hemm numru ta' skejjel. Fil-fatt il-Mission Fund kienet ta' għajnuna kbira għal bini ta' dormitorju għall-istudenti bniet ta' skola sekondarja f'Bakanja peress li minħabba d-distanzi kbar ma jkunx possibbli li l-istudenti jmorru lura d-dar fil-għaxija. L-edukazzjoni hija tant importanti.

Matul dawn is-26 sena li ili fil-Kenja jiena rajt żvilupp kbir. Fil-fatt hemm tlett parroċċi li jistgħu jżommu lilhom infushom faċilment. Però il- parruċċani tal-15 l-oħra huma bdiewa li jiddependu mix-xita li jibgħatilna Alla. Din is-sena kienet waħda niexfa ħafna tant li f'ċertu rħula kellna nqassmulhom l-ikel biex ikunu jistgħu jgħixu.



Il-proġett il-kbir ta' din id-djoċesi huwa l-bini ta' ċentru għat-tfajliet li jiġu abbużati mit-turisti jew mill-qraba tagħhom stess kif ukoll minn persuni li suppost qiegħdin hemm biex jipproteġu lil dawn it-tfajliet bħal per eżempju pulizija, suldati u għalliema. Dan il-proġett ilu sejjer dawn l-aħħar sentejn permezz ta' għajnuna kbira li rċevejna mill-Mission Fund u minn kontributur kbir Amerikan. Dawn it-tfajliet jingħataw l-għajnuna meħtieġa minn tlett councillers ikkwalifikati (żewġ sorijiet u waħda lajka) sabiex ikunu jistgħu joħorġu minn din it-trawma u jergħu jibdew jgħixu ħajja ġdida. Bħalissa f'dan iċ-ċentru li jinsab f'Chakama hemm 25 tfajla li jirċievu din l-għajnuna. Dawn ikunu kollha ġew riferuti b'sentenza mill-qorti. Aħna ma nissugrawx li naċċettaw tfajliet mingħajr l-approvazzjoni tal-qorti biex ma niġux akkużati bi ħtif ta' persuni.

Il-ħsieb hu li nidħlu għat-tieni fażi ta' dan il-proġett billi nibnu ċentru ieħor ġewwa Gongoni għat-tfajliet b'diżabilità li jiġu abbużati. Dawn it-tfajliet huma aktar vulnerabbli minħabba l-kundizzjoni tagħhom. Biex nibnu dan iċ-ċentru rġajna

sibna l-għajnuna tal-Mission Fund wara li kien diġà tana l-għajnuna biex bnejna ċ-ċentru ġewwa Chakama. Barra minn hekk qiegħdin f'negozjati ma' organizzazzjoni oħra biex jinbena t-tielet ċentru fin-naħa ta' fuq tad-djoċesi biex b'hekk ikollna tlett ċentri biex jieħdu ħsieb il-bżonnijiet tad-djoċesi kollha. It-tfajliet jiġu assessjati f'dawn iċ-ċentri sussidjarji u l-każijiet serji jiġu riferuti għaċ-ċentru prinċipali li semmejnieh għal Papa Franġisku.



Għalhekk nixtieq nirringrazzja lill-Mission Fund għal għajnuna kbira li tawna u li qegħdin jagħtuna biex dan il-proġett iseħħ.

Barra minn hekk il-Mission Fund jagħtuna wkoll intenzjonijiet għall-quddies li huwa l-uniku dħul għas-saċerdoti tal-parroċċa. Jiena nista' ngħid li l-uniku darba li rċevejt intenzjoni għall-quddies minn nies tal-lokal kienet mingħand waħda soru li tagħtni 50c biss. Ovvjament is-saċerdot ma jistax jgħix b'dan speċjalment meta l-ġabra tal-quddies tkun medja ta' 20c fil-ġimgħa. Imma bis-saħħa tal-intenzjonijiet li nirċievi mingħand il-Mission Fund inkun nista' ngħin is-saċerdoti biex ikomplu l-ħidma tagħhom.

Is-sorijiet li qegħdin fid-djoċesi ta' Malindi jagħmlu xogħol fi kliniċi tas-saħħa jew jgħallmu fi skejjel tal-*kindergarten* fi rħula fejn il-parti l-kbira tan-nies huma bdiewa. Peress li d-dħul ta' dawn il-bdiewa mhux dejjem ikun biżżejjed biex jgħixu b'mod diċenti allura dawn ma jkunux jistgħu jħallsu l-miżata tal-iskola. Allura aħna jkollna nagħtu sussidju lil dawn is-sorijiet u l-għalliema l-oħra biex ikunu jistgħu jkomplu bil-ħidma tagħhom.

Jiena nirringrazzja 'l Alla għall-provvidenza li qatt ma naqqset permezz tal-ġenerożità kbira tal-Maltin u Għawdxin u l-ħidma u sagrifiċċji li jagħmlu l-voluntiera tal-Mission Fund. Grazzi minn qiegħ qalbi.

DOLCERIA
Bontà
A GUARANTEE OF SATISFACTION

... Catering With Elegance

We provide a professional and innovative wedding catering service aimed at meeting each client's individual needs.





Dolceria Bonta'
Xghajra Rd,
Zabbar
Tel: 21677949
info@dolceriabonta.com

FR MARCELLINO MICALLEF OFM

# Hodie Mihi, Cras Tibi

## *Illum jien, u għada int*

*"Qum! Ħa jiddi wiċċek! Id-dawl tiegħek wasal! Jiddi fuqek sebħ il-Mulej" (Is 60, 1).*



MONS ADEODATO MICALLEF

Dan il-kliem ta' faraġ minn kapitlu 60 tal-Ktieb tal-Profeta Isaija, tħabbar ukoll fl-Epifanija tal-1982, meta San Ġwanni Pawlu II ordna lill-Isqof Francis Adeodato bħala Isqof.

Kull bniedem li kien jiltaqa' ma' Mons Francis Adeodato Micallef tal-Ordni tat-Tereżjan, bil-ġesti umli tiegħu, bil-modestja tiegħu, bl-għerf tiegħu, fl-Isqof Adeodato kien jilmaħ ix-xbieha qaddisa u sabiħa tal-Mulej, u hu, l-Isqof Adeodato, kien jilmaħ lill-Mulej f'min jiltaqa'.

Illum irridu nirringrazzjaw lill-Mulej ta' ħajja li kienet iddedikata lill-Mulej taħt it-titlu tal-Verġni tal-Karmelu, imma kienet ukoll iddedikata lill-bnedmin b'ġenerożità kbira. Jibqa' mfakkar, mhux biss is-sagrifiċċju, imma tibqa' mfakkra l-ġenerożità tal-Isqof Micallef meta ddeċieda li jibqa' mal-poplu tiegħu f'mumenti ta' periklu kbir. U baqa' ragħaj, ma ħarabx, imma baqa' bħala ragħaj mal-merħla tiegħu. Il-Mulej ikun il-ħlas tiegħu ta' din ix-xhieda tar-ragħaj li jagħti ħajtu.

Bil-ġesti umli tiegħu, bil-modestja tiegħu, bl-għerf tiegħu, fl-Isqof Adeodato kien jilmaħ ix-xbieha qaddisa u sabiħa tal-Mulej, u hu, l-Isqof Adeodato, kien jilmaħ lill-Mulej f'min jiltaqa'. Jibqa' magħruf anke fil-Kuwajt, fejn għadda ħafna snin bħala Vigarju Appostoliku, ragħaj tal-merħla Kattolika minoritarja u ċkejkna f'dak il-pajjiż. Jibqa' magħruf għall-ġesti ta' umiltà kbira, għall-mod uman kif kien jitratta lil kulħadd, u aħna wkoll – kulħadd b'diversi snin ta' esperjenza, fosthom il-familjari tiegħu li jafuh minn dejjem – xhieda ta' dan.

*Fil-persuna ġwejda, modesta u umli tiegħu seħħet il-kelma tal-Evanġelju.*



MONS SILVESTRU MAGRO

"Inżomm lill-Mulej dejjem quddiemi għax bih f'leminti qatt ma nitħarrek" (S 15, 8). Min jaf kemm-il darba f'mumenti ta' diffikultajiet enormi, f'mumenti ta' solitudni u ta' periklu għall-ħajja tiegħu stess, il-maħbub Isqof Silvestru ftakar f'dawn il-kliem tas-Salm 15: "Inżomm lill-Mulej dejjem quddiemi għax bih f'leminti qatt ma nitħarrek".

Kienet deċiżjoni tiegħu, ta' ragħaj tajjeb, li jagħti ħajtu għall-merħla u dan jixhduh l-awtoritajiet tal-Istat Malti li nixtieq nirringrazzja ta' kemm ħadu ħsiebu; kienet id-deċiżjoni li kemm jista' jkun jibqa' mal-komunità ċkejkna tiegħu ġewwa Bengażi. Konna nafu li kien

# *Tgħallem jagħti ħajtu bħala Kapuċċin u ta ħajtu sal-mewt bħala isqof missjunarju*

segwit mill-awtoritajiet tagħna, l-awtoritajiet tal-pajjiż u din il-ħaġa kienet tagħtina faraġ kbir.

Mons. Silvestru Magro ta ħajtu għal dawk il-komunitjiet żgħar minn diversi nazzjonalitajiet. Fil-persuna ġwejda, modesta u umli tiegħu seħħet il-kelma tal-Evanġelju "għaliex il-ġnus kollha raw is-salvazzjoni ta' Alla tagħna" (Lq 2, 30). Raw fih dak id-dawl tal-ġnus bħal fjakkola ċkejkna u umli li tiddi fi dlam kbir. Kull min jiltaqa' mal-Isqof Silvestru kien jirrealizza li qiegħed fil-preżenza ta' bniedem ta' Alla mingħajr pretensjoni imma b'xewqa kbira li jagħti ħajtu. Iben dehen ta' San Franġisk għaliex kien dejjem persuna ta' djalogu, persuna ta' paċi: "Henjin dawk li jġibu l-paċi". Imma fl-istess ħin il-Mulej sejjaħlu biex ikun f'ambjent fejn Ġesù kien sinjal li jmeruh (v. 34), hu kien xhud ukoll tal-kefrija ta' min minħabba l-intollerenza tiegħu ma jistax iġerraħ li jkun hemm xi ħadd ma jaqbilx miegħu jew mhux tal-istess reliġjon tiegħu.

Jekk għandna u għandna ħafna martri mingħajr iċ-ċarċir ta' demm, illum qegħdin insellmu wieħed minnhom. F'persuni bħall-Isqof Silvestru Magro l-Knisja tidher fis-sbuħija vera tagħha, fil-martirju tagħha, fix-xhieda ta' min jagħti ħajtu sal-aħħar. Għax jiena llum irrid infakkar il-figura ta' dan l-isqof bħala isqof martri. L-Isqof Silvestru Magro kien ambaxxatur ta' qalb kbira li hemm bżonn nindukraw u nippromwovu.

Agħtina l-grazzja, itlob għalina biex jibqa' jkollna d-demm missjunarju jiġri fil-vini tad-djoċesijiet tagħna.



MONS EMANUEL BARBARA

Dan huwa t-tielet funeral tat-tielet isqof missjunarju fi ftit ġimgħat. L-ewwel kellna l-mewt tal-Isqof Adeodatu, imbagħad l-Isqof Silvestru, u llum qed nagħtu tislima Nisranija lill-Isqof Emanuel Barbara. Isqfijiet li bħal ragħajja tajba taw ħajjtihom. L-Isqof Emanuel ġie msejjaħ biex jikkonkludi s-saċerdożju tiegħu fl-kontinent Afrikan, 'il bogħod minn art twelidu, li għaraf iħobb u l-Mulej, bħal ħalliel, sejjaħlu hemmhekk fejn sabu, fejn kien rabba għeruq ta' mħabba u ta' għotja, fejn kien mhux biss ambaxatur ta' Kristu, imma wkoll ambaxxatur ta' dak kollu li huwa glorjuż fil-familja Franġiskana.

Aħna u nsellmu lir-ragħaj ġeneruż, lill-Isqof missjunarju, nitolbu lill-ispirtu missjunarju biex ma jitbiegħed qatt mill-esperjenza tal-Knisja f'Malta, li l-ispirtu missjunarju jibqa' jiġri fid-demm tar-reliġjużi u s-saċerdoti djoċesani tagħna. Inkella ma nkunux ulied San Pawl, inkella ma nkunux nistgħu nissieħbu mal-għajta ħerqana tiegħu biex ikun hemm min jintbagħat, biex ikun hemm min ixandar biex ikun hemm min jemmen.

Illum irridu nafdaw lill-għażiż Isqof Emanuel f'idejn il-ħniena tal-Mulej. Fit-talb qaddis tal-Knisja, aħna nafdawh lir-Ragħaj it-Tajjeb biex jerfgħu fuq spallejh. Biex terfa' fuq spallejk lill-Isqof Barbara, trid tkun ftit b'saħħtek, imma r-Ragħaj it-Tajjeb jiflaħna lkoll kemm aħna. L-ispallejn tal-Imgħallem li ġarrew is-salib, iġorru lilna wkoll.

Nafdah lil Lazzru li kien fqir u ħaddan il-faqar bħala reliġjuż Kapuċċin u għexu sal-aħħar qatra bħala isqof missjunarju. Tgħallem jitlob bħala Kapuċċin u reliġjuż u tgħallem jittallab bħala isqof missjunarju. Tgħallem jagħti ħajtu bħala Kapuċċin u ta ħajtu sal-mewt bħala isqof missjunarju. Illum nafdawh fir-Ragħaj it-Tajjeb li huwa għani fil-ħniena u li jisma' l-karba ħerqana ta' wliedu. Illum nafdawh f'idejn dak li huwa l-qawmien u l-ħajja u li ma jitkażax bi dnubietna u d-dgħufija tagħna għaliex kull qatra ta' demm li ċarċar hija kapaċi li tifdina u taħsilna.

***Siltiet mill-omeliji ta' Mons Charles J. Scicluna***

***Arċisqof ta' Malta***

MONS GEORGE FRENDO OP

# ĦIDMA PASTORALI
## *Fl-Albanija*

Jiena ili naħdem fl-Albanija għal dawn l-aħħar 21 sena. Għall-bidu kont f'raħal viċin ta' Durres. Fl-aħħar tas-sena 1999 morna Durres li hija t-tieni l-akbar belt wara Tirana. Fl-2006 ġejt maħtur Isqof Awżiljarju ta' Tirana. F'Diċembru 2016 ġejt maħtur Arċisqof. F'Lulju 2017 ħadt il-Pallium li jingħata bħala sinjal lill-Arċisqof Metropolita jiġifieri li taħt l-arċidjoċesi jkun hemm djoċesi oħrajn. L-Arċidjoċesi Metropolita ta' Tirana hemm żewġ djoċesi oħra.



Kemm ili li sirt arċisqof l-anqas jien stess ma kont nobsor kif ħajti kellha tinbidel peress li kollox jiddependi minni. Għall-grazzja t'Alla għamilna ċertu tibdiliet strutturali bħalma huma uffiċċji fl-arċidjoċesi u fil-kurja. Ħloqna wkoll organiżmi ġodda bħalma huma kunsilli pastorali u kunsill finanzjarju li ma kienux jeżistu qabel. Però l-akbar bidla kienet li fejn qabel meta kont Awżiljarju kont inkun il-ħin kollu mal-Arċisqof fil-kurja, issa bħala Arċisqof qed ikolli iżjed kuntatt mal-parroċċi kollha li jaqgħu taħt arċidjoċesi. B'kollox hemm 17-il parroċċa li fosthom hemm parroċċi kbar li jgħixu fihom mal-40,000 ruħ. Meta tqabbilha ma' Malta fejn forsi l-akbar parroċċa jkun fiha qisu 15,000. Imma hemmhekk hemm ukoll il-problema ta' nuqqas ta' saċerdoti. Però l-akbar sodisfazzjon huwa li l-popolazzjoni kattolika fl-arċidjoċesi żdiedet sostanzjalment. Ir-raġuni kienet illi ħafna kattoliċi, li kienu jgħixu f'kundizzjonijiet inumani fl-irħula u fil-muntanji fejn kien hemm nuqqas ta' skejjel u ta' tobba, dawn il-kattoliċi bdew imorru joqgħodu fl-ibliet li jagħmlu parti mill-arċidjoċesi ta' Tirana. Però dan kellu effett ħażin fuq il-qagħad li huwa għoli ħafna minħabba ċ-ċaqliq ta' dawn in-nies li kienu min għalihom li se jsibu x-xogħol.

Barra minn hekk kellna ħafna konverżjonijiet minn Musulmani li qalbu għall-knisja Kattolika. Dan juri li l-knisja hemmhekk hija knisja ħajja u dan jagħtini sodisfazzjon kbir. Jiena meta niġi Malta nitnikket meta nara l-ġenerazzjoni taż-żgħażagħ li qed jitbiegħdu mill-knisja.

Bħala arċisqof jiena wkoll nagħmel iż-żjajjar pastorali. Il-parroċċi huma mferrxa f'distanzi pjuttost twal, l-aktar waħda hija madwar 100 kilometri bogħod. It-toroq prinċipali tal-ibliet huma f'kundizzjoni tajba ħafna imma meta żżur l-irħula l-istorja hija kompletament differenti.

F'waħda mill-parroċċi li żort kienet tinkludi sitt irħula. Il-kappillan li huwa responsabbli għal din il-parroċċa jqaddes matul il-ġimgħa mill-10.00 sa' nofsinhar f'żewġ irħula u l-Ħadd jibda fis-7.30 am biex iqaddes fl-erba' rħula l-oħra. Il-parruċċani ta' dawn l-irħula huma foqra ħafna imma huma reliġjużi ħafna u laqgħuni tajjeb ħafna.

Fil-parti l-kbira tal-irħula jeżisti ħafna faqar speċjalment f'raħal partikulari. Meta mort f'dan ir-raħal kont qaddist fl-4.00 pm f'temperatura qawwija ta' madwar 36º f'kappella żgħira daqs gabuba mimlija nies. In-nies ta' dan ir-

raħal jgħixu f'kundizzjonijiet miżerabbli. Hemmhekk żort familja fejn kienet tgħix waħda mara flimkien mat-tifel tagħha ta' xi 15-il sena li kellu bżonn nuċċali b'vista daqsxejn qawwija imma li ma kellhiex biex tixtrihulu. Esperjenza oħra kienet ta' familja bi tlett itfal li jgħixu fl-istess raħal u li kollha kellhom problemi fiżiċi. Lil dawn iż-żewġ familji jiena ħadt ħsieb li naghtihom l-għajnuna finanzjarja li kellhom bżonn. Dan kollu stajt nagħmlu permezz tal-għajnuna li nirċievi b'mod regolari mill-Mission Fund u li ta' dan jien nħossni grat ħafna lejn il-benefatturi Maltin u Għawdxin. Għalhekk jiena nixtieq nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lid-diriġenti tal-Mission Fund u l-benefatturi kollha.

Jiena dejjem nenfasizza l-importanza li l-Knisja għandha tieħu ħsieb il-bżonnijiet tal-foqra biex b'hekk nuru li aħna l-Knisja ta' Kristu. Għalhekk nixtieq nappella lill-qarrejja ta' dan l-artiklu biex ikomplu jitolbu għall-Knisja ta' dan il-pajjiż biex tkompli tixxettel u jkollna wkoll aktar vokazzjonijiet. Nixtieq inżid ukoll biex nitolbu għall-istudenti biex jiżviluppaw il-ħiliet intellettwali tagħhom speċjalment minħabba l-fatt li hawnhekk il-kattoliċi minn dejjem kienu iddiskriminati kemm matul il-fuq minn 400 sena taħt l-Imperu Ottoman kif ukoll għal 45 sena taħt ir-Reġim Kommunista. Minħabba f'hekk iż-żgħażagħ ingħataw inqas possibilità li jiżviluppaw l-intellettwalità tagħhom. Għalhekk aħna għandna nħossu d-dmir tagħna biex ngħinuhom fl-edukazzjoni tagħhom speċjalment dawk fqar li m'għandhomx il-mezzi biex iħallsu l-miżata tal-iskola. Permezz tal-ġenerożità tagħkom jiena stajt ngħin familja fqira ħafna li għandhom sebat itfal. It-tnejn il-kbar illum qiegħdin jistudjaw fl-università ta' Tirana u t-tielet tifla qiegħda tgħix ma' familja Maltija biex tkompli l-istudju tagħha hawnhekk.





JOHN SAMMUT

# IL-FROTT TAD-DONAZZJONI TIEGĦEK

Permezz tad-donazzjoni tiegħek matul l-2017 il-Mission Fund qassmet is-somma sabiħa ta' **€ 404,750**. Parti minn din is-somma intużat biex jitwettqu dawn il-proġetti li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| **BOLIVJA:** | Bini ta' djar għall-foqra | € 10,000 |
| **FILIPPINI:** | Bini ta' klassijiet f'ċentru ta' formazzjoni | € 150,000 |
| | Ħlas ta' miżati tal-iskola | € 3,000 |
| | Għall-proviżjon tal-ikel | € 4,000 |
| | Għall-formazzjoni spiritwali | € 8,250 |
| **KENJA:** | Bini ta' ċentru għat-tfajliet abbużati | € 40,000 |
| | Ġibjun għall-ilma fi skola | € 3,500 |
| **TANŻANIJA:** | Tħaffir ta' spiera | € 10,000 |

Barra minn hekk ingħataw donazzjonijiet ta' € 2,000 kull wieħed lil 74 missjunarju u € 4,000 lil 4 isqfijiet. Dawn kienu jikkonsistu hekk:

**ALBANIJA**
**Għotja ta' € 4,000 lil**
Mons George Frendo O.P.
**Għotja ta' € 2,000 kull wieħed lil**
Fr Geoffrey Bugeja
Mr Lawrence Caruana
Fr Emanuel Cutajar

**ALĠERIJA**
**Għotja ta' € 2,000 lil**
Sr Graziella Camilleri

**ARĠENTINA**
**Għotja ta' € 2,000 kull wieħed lil**
Fr Alfred Mercieca



Sr Antonia Sammut

**BOLIVJA**
**Għotja ta' € 2,000 kull wieħed lil**
Fr Garvin Grech
Fr George Keers

**BRAŻIL**
**Għotja ta' € 2,000 kull wieħed lil**
Fr Luqa Azzopardi
Fr Carmel Borg
Sr Francis Cachia
Fr Alexander Cauchi
Fr John Mary Cauchi
Fr Xavier Cutajar
Fr Andrew Zammit

**EĠITTU**
**Għotja ta' € 2,000 kull wieħed lil**
Fr Anthony Fenech
Fr Joseph Mizzi

**ETJOPJA**
**Għotja ta' € 2,000 kull wieħed lil**
Sr Lutgarda Camilleri
Sr Carmen Sammut
Sr Victoria Vassallo

**FILIPPINI**
**Għotja ta' € 2,000 kull wieħed lil**
Sr Celina Cini
Fr Mark Demanuele
Sr Marianne Farrugia

**ĠORĠJA**
**Għotja ta' € 2,000 lil**
Ms Rosanne Seychell

**GWATEMALA**
**Għotja ta' € 2,000 lil**
Fr Joseph Mario Camilleri

**ĦONDURAS**
**Għotja ta' € 4,000 kull wieħed lil**
L-Isqof Joe Bonello
L-Isqof Robert Camilleri
Għotja ta' € 2,000 lil
Fr Albert Gauci

**INDJA**
**Għotja ta' € 2,000 kull wieħed lil**
Fr Paul Aquilina
Sr Emanuel Borg
Fr Joseph Gauci Sacco
Sr Rita Theuma
Żewġ missjunarji oħra

**IŻRAEL**
**Għotja ta' € 2,000 kull wieħed lil**
Sr Emmanuela Abdilla
Sr Mary Borg
Sr Valerie Borg
Sr Dorothy Busietta
Sr Carmela Chircop
Sr Tiburzia Cilia
Sr Carolina Debono
Sr Maria Domenici
Sr Carmen Farrugia
Sr Maria Antonia Galea
Sr Maria Grech
Sr Emmanuela Micallef
Sr Luigina Muscat
Sr Mary Rose Muscat
Sr Anne Savona



**KENJA**
**Għotja ta' € 4,000 lil**
Isqof Joseph Alessandro
Għotja ta' € 2,000 kull wieħed lil
Fr Joe Bezzina
Sr Sandra Cassar
Sr Josepha Gauci

**KOREA T'ISFEL**
**Għotja ta' € 2,000 lil**
Mr & Mrs Joseph Gatt

**KUBA**
**Għotja ta' € 2,000 kull wieħed lil**
Fr Paul Buttigieg
Mr John Mifsud

**MAROKK**
**Għotja ta' € 2,000 lil**
Sr Mary Zarb

**PAKISTAN**
**Għotja ta' € 2,000 kull wieħed lil**
Sr Rachele Agius
Sr Guistina Aquilina
Sr Liliana Borg
Sr Celeste Buhagiar
Sr Frances Farrugia
Fr Joseph Farrugia
Fr Bernard Mangion
Sr Ilaria Schiavone
Sr Loretta Xerri

**PERÙ**
**Għotja ta' € 2,000 kull wieħed lil**
Fr Alex Busuttil
Ms Maris Camilleri
Mr Hector Pickard

**POLONJA**
**Għotja ta' € 2,000 lil**
Sr Marie Louise Grech

**TANŻANIJA**
**Għotja ta' € 2,000 lil**
Sr Dr Maria Borda

**TUNEŻIJA**
**Għotja ta' € 2,000 lil**
Sr Concetta Dimech

**ŻAMBJA**
**Għotja ta' € 2,000 kull wieħed lil**
Sr Catherine Vassallo
Sr Josephine Vassallo

**ŻIMBABWE**
Sr Maria Grazia Farrugia

**Dawn il-fondi intużaw għal diversi ħtiġijiet skont il-bżonnijiet partikulari tal-missjunarji. Dawn kienu jikkonsistu hekk:**

- Għax-xiri tal-oġġetti bażiċi (ikel, mediċini u ħwejjeġ) lil familji foqra
- Għall-ħlas tal-miżati tal-iskola
- Għat-tmexxija ta' skejjel
- Għax-xogħol pastorali f'diversi parroċċi
- Għall-formazzjoni spiritwali tat-tfal u ż-żgħażagħ
- Għall-manutenzjoni tal-kappelli u knejjes
- Għat-tmexxija ta' djar tal-anzjani u orfanatrofji
- Għat-tmexxija ta' kliniċi u għall-kura medika tal-pazjenti foqra
- Għall-għajnuna lil pazjenti b'mard terminali
- Għar-rijabilitazzjoni ta' persuni bi problemi soċjali
- Għall-għajnuna lill-bdiewa

Ingħataw ukoll donazzjonijiet ta' €500 lil 24 missjunarju għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija b'suffraġju għall-benefatturi tal-Mission Fund u għal qrabathom:

Isqof Joseph Alessandro (Kenja)

Fr Paul Aquilina (Indja)

Fr Luqa Azzopardi (Brażil)

Fr George Bezzina (Kenja)

Isqof Joe Bonello (Ħonduras)

Fr Paul Buttiegieg (Kuba)

Fr Geoffrey Bugeja (Albanija)

Fr Alex Busuttil (Perù)

Fr Joseph Mario Camilleri (Gwatemala)

Isqof Robert Camilleri (Ħonduras)

Fr Alexander Cauchi (Brażil)

Fr John Mary Cauchi (Brażil)

Fr Mark Demanuele (Filippini)

Fr John Farrugia (Pakistan)

Fr Anthony Fenech (Eġittu)

Isqof George Frendo (Albanija)

Fr Albert Gauci (Ħonduras)

Fr Joseph Gauci Sacco (Indja)

Fr Garvin Grech (Bolivja)

Fr George Keers (Bolivja)

Fr Bernard Mangion (Pakistan)

Fr Alfred Mercieca (Arġentina)

Fr Joseph Mizzi (Eġittu)

Fr Andrew Zammit (Brażil)

***L-għotjiet li ngħataw lill-missjunarji minn mindu twaqqfet il-Mission Fund fl-1984 kienu dawn:***

| SENA | € | SENA | € | SENA | € | SENA | € | SENA | € |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1984 | 1,863 | 1991 | 44,840 | 1998 | 72,649 | 2005 | 151,818 | 2012 | 306,358 |
| 1985 | 5,078 | 1992 | 35,523 | 1999 | 101.075 | 2006 | 161,639 | 2013 | 633,670 |
| 1986 | 8,735 | 1993 | 73,608 | 2000 | 108,545 | 2007 | 164,600 | 2014 | 482,672 |
| 1987 | 13,976 | 1994 | 99,422 | 2001 | 129,665 | 2008 | 216,325 | 2015 | 704,224 |
| 1988 | 10,482 | 1995 | 63,475 | 2002 | 179,013 | 2009 | 224,224 | 2016 | 349,658 |
| 1989 | 32,739 | 1996 | 61,612 | 2003 | 215,555 | 2010 | 289,903 | 2017 | 404,750 |
| 1990 | 18,286 | 1997 | 63,604 | 2004 | 162,168 | 2011 | 377,853 | | |

**TOTAL: €5,990,092**

500, EUREKA COURT, BLOCK A/ FLAT 6, MAIN STREET, MOSTA MST 1018
Tel/Fax: 2141 3664 email: missionfund@global.net.mt

# FORMOLA TAL-APPLIKAZZJONI GĦAL SĦUBIJA

**(Jekk jogħġbok ikteb b'ittri kbar)**

Jiena nixtieq nissieħeb bħala membru fil-Mission Fund:

**ISEM U KUNJOM:**

**INDIRIZZ :**

**KODIĊI POSTALI:** **TEL:** **MOB:**

**E-MAIL:**

Jekk tixtieq toffri għajnuna fl-attivitajiet t'hawn taħt, jekk jogħġbok immarka l-kaxxa rispettiva:

Bazaars ☐ Tea Tombla ☐ Newsletter/Magazine ☐ Għajnuna Amministrattiva ☐ Website ☐
Proġett Tama ☐ Maratona fuq it-Tv ☐ Bolol Użati ☐ Xogħol Manwali ☐ Relazzjonijiet Pubbliċi ☐

Qed nibgħat il-pagament ta' € bħala miżata tas-sħubija (€3.00 kull membru kull sena).
Pagamenti b'ċekk għandhom ikunu pagabbli lill-Mission Fund.

Jien, hawn taħt iffirmat, niddikjara li lest li nimxi mal-ispirtu u r-regoli tal-Istatut preżenti tal-Mission Fund, kif sussegwement emendat.

FIRMA DATA

Hawn tista' tikteb il-kummenti/suġġerimenti tiegħek u tibgħathom lill-Mission Fund.

**L-informazzjoni kollha li tidher hawn fuq hija protetta mill-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data**

FR BERNARD MANGION

# FESTA TAL-KONVERŻJONI

## *Ta' San Pawl Fil-Pakistan*

Fr. Bernard Mangion beda l-missjoni tiegħu fil-Pakistan fl-1984. Hemmhekk huwa kien ta' għajnuna kbira għall-Knisja tal-post. Barra mix-xogħol pastorali tiegħu f'diversi parroċċi, huwa kien maħtur mill-Isqfijiet tal-Pakistan biex jippjana u jibni ċentru kbir ta' formazzjoni Nisranija. Malli temm dan il-proġett, l-isqfijiet Pakistani inkarigawh biex jibni seminarju għall-istudenti tal-Filosofija u wara gie maħtur rettur tiegħu.



Huwa dam jaħdem il-Pakistan għal 18-il sena, meta kellu jħalli din il-kariga għax kien magħżul Superjur Ġenerali tas-Socjetà Missjunarja ta' San Pawl. Huwa ħadem biex twaqqfet il-Missjoni tas-Soċjetà fil-Filippini. Meta spiċċa miż-żewġ termini ta' Superjur Ġenerali, reġa' mar ikompli il-missjoni tiegħu fil-Pakistan.

Is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl qed tmexxi parroċċa fl-Arċidjoċesi ta' Lahore, fil-Pakistan, iddedikata għall-konverżjoni ta' San Pawl.

Il-Ħadd, 28 ta' Jannar 2018, iċċelebrajna l-festa tal-konverżjoni tal-Patrun tagħna San Pawl.

Ma kellniex armar fit-toroq u l-anqas murtali. Mal-grada tal-binja li fiha hemm il-knisja, kellna grupp ta' pulizija, mgħejuna minn grupp parrokkjali ta' gwardjani ta' sigurtà voluntiera, biex jipproteġu n-nies minn xi attakk terroristiku.

Il-festa saret kollha kemm hi fil-knisja parrokkjali. Il-knisja kienet imżejna għall-okkażjoni. Prominenti kienu żewġ kwadri kbar: wieħed ifakkar id-dehra ta' Ġesù lil Pawlu fi triqtu lejn Damasku u l-oħra Ananija jilqa' u jitlob fuq San Pawl.

Il-knisja parrokkjali kienet mimlija bħal bajda għall-okkażjoni. Tajjeb li wieħed hawn jgħid li ċelebrazzjonijiet simili saru wkoll f'ħames knejjes oħra imxerrda fil-parroċċa tagħna, fejn ukoll l-attendenza kienet numeruża ħafna.

Il-kor, li kien magħmul minn grupp ta' madwar 30 tfajliet u ġuvintur, kien ippreparat tajjeb ħafna u żejjen il-funzjoni b'kant magħżul tajjeb u sabiħ. Kien hemm attendenza numeruża ta' abbatini magħmula minn bniet u subien.

Bħala t-tieni epistola inqrat silta mill-Atti tal-Appostli fejn insibu rrakkuntata il-lagħqa ta' Kristu ma' San Pawl fi triqtu lejn Damasku. Din l-esperjenza li għadda minnha San Pawl, bidlitlu ħajtu għax minn persekutur tal-Knisja għamlitu dixxiplu l-aktar fidil ta' Kristu u appostlu l-iktar mħeġġeġ. Biex dan il-qari jkun iktar interessanti u jiġbed l-attenzjoni ta' dawk li attendew, grupp ta' guvintur iddramatizzaw dan il-qari. Dawn l-atturi żgħażagħ kienu wkoll ippreparati tajjeb u ħadmu x-xena b'mod tassew konvinċenti.

Wara l-vanġelu, il-predikatur nissel priedka sabiħa u li fiha ħeġġeġ lil dawk preżenti biex bħal San Pawl ikunu mimlija bi Kristu u jħobbuh u jfasslu ħajjithom fuq dik ta' Ġesù. Ħeġġiġhom biex ikunu xhieda ta' Kristu bħal San Pawl, kemm fl-imġieba kif ukoll bil-kelma tagħhom.

Fl-offertorju, flimkien mal-ħobż u l-inbid, ħafna mill-parruċċani poġġew f'riġlejn l-artal oġġetti tal-ikel biex jiġu mqassma lill-foqra tal-parroċċa. Minkejja l-faqar tagħhom, impressjonawni bil-

ġenrożità tagħhom lejn l-oħrajn forsi inqas ixxurtjati minnhom.

Il-quddiesa spiċċat bil-kant tal-innu ta' San Pawl.

Wara l-quddiesa imbagħad sar il-qsim ta' kejk li familja ġabet il-knisja biex jitqassam fost dawk preżenti. Ma' dan, diversi parruċċani oħra ġabu ħelu li wkoll taqassam bejn kulħadd.

In-nies ħarġu mill-knisja kuntenti u bi tbissima sabiħa fuq wiċċhom. Damu qatih quddiem il-knisja jitkellmu u jifirħu b'xulxin u jixtiequ lil xulxin il-festa t-tajba.








DUN ĠUŻEPP CAMILLERI

# Esperjenza Li Ma Ninsiha Qatt

Kienet il-Ġurnata Missjunarja, niftakar qisu l-bieraħ, kont għadni seminarista, meta ġie fostna saċerdot Belġjan, li kien jismu Padre Hotard. Ilkoll konna miġburin fil-kappella u rrkontalna din l-esperjenza, li hu stess għadda minnha.

"Darba minnhom", qalilna "saċerdot ħabib tiegħi mill-Brażil, stedinni biex flimkien inżuru raħal li kien iżur darba fis-sena biss. Tlaqna kmieni filgħodu, mal-wasla tagħna ġew jilqgħuna ruxxmata nies, ferħana li llum ninsabu fosthom. Ngħid għalija", kompla jgħidilna "qatt ma ssoponejt li ser nara xena ta' mħabba bħal din. Hawn stajt napprezza iktar fiċ-ċar xi tfisser tkun fil-missjoni."

"Wara t-tislima li rċevejna, dħalna fil-kappella, għarix zgħir imżejjen bin-nies li kienu qed jistennewna, poġġejna fuq siġġu u bdejna namministraw is-sagrament tal-maħfra. Resqu lejna tfal li kellhom jirċievu l-Ewwel Tqarbina, għarajjes li llum kellhom iwiegħdu mħabbithom lejn xulxin, u nies oħra li kienu jeħtieġu l-maħfra. F'mument wieħed resqet persuna anzjana lejja titlob il-maħfra u qaltli dawn il-kelmiet. 'L-uniku saċerdot li nħares lejh u nitolbu maħfra huwa dan il-kurċifiss li dejjem inżomm imdawwar ma' għonqi. Iżda llum li ġejtu inthom fostna f'isem il-Mulej nitolbok taħfirli.' Ħassejtni kburi nisma' kliem ta' tant konvinzjoni minn fomm din il-persuna. Għollejt idejja l-fuq, tfajt ħarsti lejn Kristu msallab u f'ismu tlabtu biex il-maħfra tinżel fuqna t-tnejn."

"Kien tard filgħaxija, mill-ġdid għajjenin iżda iktar ferħanin kellna nirritornaw lejn darna. Filwaqt li konna qed ngħalqu l-bieb tal-kappella, resqet lejna l-istess persuna li talbitni l-maħfra, taptpet fuq spallejn il-padre u qaltlu, 'Qed tagħlaq dan il-bieb biex tiftħu sena oħra.'"

L-esperjenza li għadda minnha Padre Hotard, qatt ma nsejta u wisq inqas qatt ma ħbejta. Dejjem għidt lili nnfisi li kif laqtet lili, hekk forsi għad tolqot il-widna ta' xi żagħżugħ ieħor. Fil-fatt hekk ġara. Niftakar, erba' snin ilu, kienet il-ġurnata missjunarja, konna f'laqgħa ma' grupp ta' zgħażagħ. Ħassejt li kienet opportunità mill-isbaħ li nirrakonta l-esperjenza li smajt snin ilu minn fomm is-saċerdot Belġjan. Għaddiet ġimgħa wara din il-laqgħa, ġie żagħżugħ fuqi u qalli, "Padre Josè l-esperjenza li semmejtilna l-Ħadd li għadda laqtitni ħafna b'mod speċjali fejn semmejtilna kliem dik il-persuna li resqet lejkhom u qaltilkhom li qed tagħlqu dan il-bieb biex tiftħuh sena oħra. Kliem din il-persuna kienu bħal leħħa ta' berqa. Ħassejt li nixtieq inkun saċerdot biex ikolli x-xorti li niftaħ il-bieb ta' qalbi u ngħin lil ħaddieħor fl-istess ftuħ il-qalb".

Illum dan iż-żagħżugħ jinsab fis-seminarju maġġuri fi Gwatemala City. Fadallu erba' snin oħra biex jiġi ordnat saċerdot. Persuna minn Għawdex li fetħet il-bieb ta' qalbha qed tgħinu biex jilħaq l-iskop nobbli li Alla sejjaħlu għalih. Bħal ma nafu l-imħabba qatt ma ssib xejn li ma jistax isir, għax temmen li kollox jista' jkun u kollox jista' jitwettaq meta niftħu l-bieb ta' qalbna għall-grazzja Tiegħu.





GasanMamo
INSURANCE
We're always there
39,000
TRAVELLERS JUST
TRAVELLING HAPPY!
INSURE YOURSELF
HAPPY!
GASANMAMO INSURANCE IS AUTHORISED BY THE MFSA | GASANMAMO.COM
SOURCE: M. FSADNI & ASSOCIATES MARKET RESEARCH (2016) & INTERNAL DATA (2017).

JOHN SAMMUT

# Mill-Ħajja Tal-Mission Fund

L-iskop prinċipali li għalih twaqqfet il-Mission Fund huwa biex tkun ta' sostenn lil mijiet ta' missjunarji Maltin u Għawdxin li offrew ħajjithom biex ixandru l-Bxara t-Tajba f'madwar 40 pajjiż mferrxa mad-dinja kollha. Dan l-iskop jista' jintlaħaq grazzi għall-ġenerożità kbira tagħkom li dejjem urejtu ma' ħutna l-missjunarju. Fil-fatt, matul l-2017 ingħataw donazzjonijiet ta' €2,000 kull wieħed lil 74 missjunarju u ta' € 4,000 kull wieħed lil erba' isqfijiet. Dawn il-fondi intużaw għal diversi għanijiet skond il-bżonnijiet partikulari tal-missjunarji, bħal per eżempju għax-xiri ta' ikel u mediċini għal familji foqra, għat-tmexxija ta' skejjel, ċentri tas-saħħa u orfanatrofji, għax-xogħol pastorali u għall-għanjuna lil persuni b'mard terminali. Ingħataw ukoll € 12,000 f'intenzjonijiet għall-quddies. Barra minn hekk, ingħataw € 228,750 biex jitwettqu diversi proġetti. Dan iġib total fenominali ta' € 404,750. Il-proġetti li twettqu kienu jikkonsistu f'bini ta' djar għall-foqra, bini ta' klassijiet, bini ta' ċentru għat-tfajliet abbużati, tħaffir ta' bjar u spieri u għat-tmexxijja ta' ċentru ta' formazzjoni għaż-żgħażagħ.

***Kull xahar saru wkoll numru ta' attivitajiet ta' ġbir ta' fondi. Id-dħul nett (wara li jitnaqqsu l-ispejjeż) minn dawn l-attivitajiet kienu hekk:***

**JANNAR**
Buffet breakfast f'San Antonio Hotel, il-Qawra € 2,391

**FRAR**
Buffet breakfast f'San Antonio Hotel, il-Qawra € 2,380

**MARZU**
Pizza Night € 677

**APRIL**
Buffet breakfast f'San Antonio Hotel, il-Qawra € 2,807

Kunċert ta' marċi funebri u mużika sagra "Riflessi" € 725

Raffle € 625

**MEJJU**
Mother's Day Lunch € 1,341

Bejgħ ta' figolli € 2,000

**ĠUNJU**
Ġurnata Sqallija € 190

**LULJU**
Ġurnata Għawdex € 416

Pellegrinaġġ għal Lourdes € 90

**AWWISSU**
BBQ fil-Paradise Bay Hotel, iċ-Ċirkewwa € 1,135

**OTTUBRU**
Lunch fil-Garden of Eden, Żurrieq € 2,762

**NOVEMBRU**
Buffet breakfast f'San Antonio Hotel, il-Qawra € 2,448

Bejgħ ta' oġġetti tal-arti u artiġjanat € 140

**DIĊEMBRU**
Christmas lunch € 2,116

Lotterija ta' hamper € 705

**MATUL IS-SENA**
Bazaar € 10,745

Lotterija Grandjuża € 16,126

# Attivitajiet Matul L-2017 Riflessi: Kunċert Ta' Marċi Funebri U Mużika Sagra

F'egħluq il-155 sena mit-twaqqif tagħha, is-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan organizzat programm ta' marċi funebri u mużika sagra nhar is-Sibt 8 ta' April 2017 fil-Knisja Santa Marija ta' Ġesù (ta' Ġieżu), il-Belt Valletta. Indaqqu diversi xogħlijiet ta' kompożituri lokali kif ukoll barranin li huma marbuta maż-żmien tal-Ġimgħa Mqaddsa taħt id-direzzjoni ta' Mro. Dominic Darmanin. Waqt dan il-programm intwerew filmati dwar l-esperjenza missjunarja li wettqu l-voluntiera tal-Mission Fund fil-Filippini fejn jeżisti ħafna faqar. L-attendenza tal-pubbliku kienet waħda inkoraġġanti. Fi tmiem ta' din l-attività saret ġabra b'risq il-Mission Fund.




## LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI

Il-Laqgħa Ġenerali Annwali saret nhar it-Tlieta 16 ta' Mejju 2017 fiċ-Ċentru San Franġisk, il-Ħamrun. Il-laqgħa ġiet indirizzata mill-President is-sur Charles Decelis fejn elenka l-ħidma li qed issir mill-voluntiera tal-Mission Fund sabiex tingħata l-għajnuna lill-ħutna l-missjunarji. Huwa kompla billi rringrazzja lid-Direttur Spiritwali Fr Marcellino Micallef OFM, lill-membri kollha tal-kumitat, lill-impjegati tal-uffiċċju, lill-voluntiera kif ukoll il-benefatturi kollha.

Is-Segretarju John Sammut ippreżenta r-rapport amministrattiv fejn ta rendikont tal-attivitajiet reliġjużi u soċjali li saru matul l-2016 li huma l-pulmun li jagħti l-ħajja lill-Mission Fund. Permezz ta' dawn l-attivitajiet kif ukoll tad-donazzjonijiet mill-benefatturi, tkun tista' tingħata l-għajnuna tant bżonnjuża lill-missjunarji.



Sylvia Ebejer spjegat il-funzjoni tas-sotto kumitat għall-esperjenzi missjunarji. Hija tat dettalji tax-xogħol li sar waqt l-esperjenza li saret fil-Filippini fuq talba ta' Fr Joe Cremona MSSP. Barra minn hekk hija elenkat numru ta' proġetti li twettqu matul dawn l-aħħar snin, fosthom ċentru tas-saħħa fis-Sudan t'Isfel, staff houses fit-Tanżanija, ċentru għat-tfajliet abbużati fil-Kenja kif ukoll tħaffir ta' numru ta' bjar u boreholes.

Nancy Micallef li telgħet fil-kumitat għall-ewwel darba saħqet fuq l-importanza tal-mezzi soċjali biex jitkabbar l-għarfien tal-Mission Fund. Barra minn hekk, hija tat rendikont tal-pubblikazzjonijiet li jintbagħtu b'xejn lil eluf ta' benefatturi b'mod regolari.

Il-laqgħa ġiet fit-tmiem tagħha b'talba għall-benefatturi u l-missjunarji kollha.

# 25 SENA TA' ESPERJENZI MISSJUNARJI

Fl-okkażjoni ta' egħluq il-25 anniversarju minn meta bdew isiru l-esperjenzi missjunarji saret laqgħa nhar it-Tlieta 11 ta' Lulju 2017 fiċ-Ċentru San Franġisk, il-Ħamrun. Għal din il-laqgħa ġew mistiedna il-voluntiera kollha li ħadu sehem f'dawn l-esperjenzi. L-ewwel esperjenza kienet saret fl-1992 fl-Alġerija fejn kien sar xi xogħol ta' tisbiħ u manutenzjoni. Minn dak inhar 'l hawn saru esperjenzi kull sena f'pajjiżi fejn qed iservu missjunarji Maltin u Għawdxin, fosthom fit-Tuneżija, il-Kenja, il-Gwatemala, il-Perù, it-Tanżanija, l-Indja u l-Filippini.



Din l-okkażjoni bdiet bl-Ewkaristija li kienet konċelebrata minn Fr Marcellino Micallef OFM, Fr Leonard Falzon OFM Cap u Fr Raymond Bonnici OFM Cap. Wara assistejna għal barbecue fejn in-numru sabiħ ta' voluntiera li kienu preżenti reġgħu iltaqgħu ma' xulxin wara tant snin u setgħu jerġgħu jirrakkontaw u jgħixu l-esperjenza missjunarja li kienu ħadu sehem fiha. Kienet attività li kull min attenda mar lura d-dar b'ħafna sodisfazzjon u nostalġija.

# BEJGĦ TA' OĠĠETTI TAL-ARTI U ARTIĠJANAT

Diversi artisti offrew pitturi u oġġetti oħra ta' artiġjanat biex jinbiegħu b'risq proġett ta' bini ta' djar għall-familji foqra li qed jgħixu f'kundizzjonijiet inumani fil-Filippini. Il-bejgħ ta' dawn l-oġġetti sar bejn l-24 u s-26 ta' Novembru 2017 fil-Casino Notabile, ir-Rabat li kien ġentilment offrut mis-Sindku tal-Imdina. Għal din l-attività ġew esibiti madwar 42 oġġett tal-arti li kienu jvarjaw minn arti moderna u dik klassika. Hemm il-ħsieb li esibizzjoni simili se ssir f'Novembru li ġej fiċ-Ċittadella ta' Victoria, Għawdex.



# LAQGĦA MAL-PRIM MINISTRU

Fuq stedina li rċevejna mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru kellna laqgħa mal-Prim Ministru li saret fit-3 ta' Awwissu 2017 fil-Palazz tal-Girgenti. Għal din il-laqgħa attendew il-President Charles Decelis u s-Segretarju John Sammut. Preżenti għal din il-laqgħa attendew rappreżentanti mis-settur ekonomiku u soċjali. Din kienet opportunità għall-Mission Fund fejn kellna l-okkażjoni li nispjegaw lill-Prim Ministru dwar l-għajnuna tant siewja li tingħata lill-missjunarji Maltin u Għawdxin li qed jgħixu f'pajjiżi tant foqra madwar id-dinja sabiex ixandru l-Bxara t-Tajba. Ġie ippreżentat 'token' bħala tifkira kif ukoll pubblikazzjoni dwar il-Mission Fund.



## ĠURNATA SQALLIJA



Għal sena oħra konsekuttiva, il-Mission Fund organizza ġurnata ġewwa Sqallija fl-10 ta' Ġunju 2017 li għaliha attendew 20 persuna. Kienet ġurnata mimlija daqs bajda. Tlaqna filgħodu kmieni b'titjira lejn Katanja fejn sibna kowċ tistenniena li ħaditna għal kolazzjon f'restorant viċin.

Imbagħad tlaqna għal Taormina, belt mill-isbaħ mimlija kultura u ħwienet sbieħ. Imxejna tul Corso Umberto u waqafna l-belvedere għal xenarju li jħallik bla nifs b'dehra tal-muntanja Etna bil-vulkan iddaħħan. Il-kameras tagħna ma waqfux jiġbdu r-ritratti. Żorna wkoll il-kattidral u knejjes oħra antiki.

Meta qorob il-ħin li nippranzaw tlaqna lejn Giardini Naxos, fejn waqafna f'restorant faċċata tal-baħar u kulħadd kiel u straħ xi ftit. Komplejna nduru u żorna it-tlett villaġġi ta' Acireale, Aci Castello u Aci Trezza li huma ħdejn il-baħar b'xenarju mill-isbaħ.

Biex ngħalqu l-ġurnata morna ċ-ċentru kummerċjali Auchan Porte di Catania fejn kulħadd ħareġ mgħobbi b'dak li xtraw. Imbagħad ħadna t-titjira lura lejn Malta. Il-grupp kollu kien għajjien imma kuntent tant li talbuna biex sena oħra nerġgħu mmorru mhux għal ġurnata waħda imma għal jumejn jew tlieta.

Il-Mission Fund se terġa' torganizza ġurnata fi Sqallija fis-16 ta' Ġunju 2018.




## ĠURNATA GĦAWDEX

Fl-1 ta' Lulju 2017 ġiet organizzata ġurnata ġewwa Għawdex li issa saret attività fil-kalendarju tal-Mission Fund ta' kull sena. Għal din l-attività attendew numru sabiħ ta' 76 persuna, li ħafna minnhom attendew għal din l-attività drabi oħra. Mal-wasla tagħna f'Għawdex morna dritt f'restaurant fil-Belt Victorja fejn ħadna l-kolazzjon ta' filgħodu. Wara morna s-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu fejn attendejna għal quddiesa iċċelebrata minn Fr Joe Xerri OFM Conv.



Imbagħad morna Marsalforn għall-ikla b'għażla varjata ta' soppa, għaġin, ħut u laħam kif ukoll deżerta u sintendi ma naqasx l-imbid. Wara l-ikel kellna ħin liberu għal xi għawma jew għal oħrajn ġelat fid-dell fl-arja friska ta' ħdejn il-baħar. Wara waqfa qasira fil-belvedere t'Għajnsielem għal kikkra tè jew kafè filwaqt li gawdejna l-veduta sabiħa tal-Blue Lagoon u ċ-Ċirkewwa, qbadna l-vapur lura lejn darna waqt li fuq fomm kulħadd tenna kemm kienet ġurnata rilassanti.

Kull min jixtieq li jattendi għal attività simili li se ssir fis-7 ta' Lulju 2018 jista' jikkuntattja lil Charles Decelis (21575351 / 99885078) jew l-uffiċċju (21413664).

## PELLEGRINAĠĠ GĦAL LOURDES

Grupp ta' 27 persuna ingħaqdu mal-Mission Fund għal pellegrinaġġ ġewwa Lourdes li sar bejn l-24 u t 30 ta' Lulju 2017. Mal-wasla tagħna f'Lourdes attendejna għall-Ewkaristija li kienet iċċelebrata mid-Direttur Spiritwali Fr Joseph Magro OFM fil-Kappella San Gabriel. Komplejna nduru u morna naraw fejn twieldet u għexet Bernadette u żorna wkoll il-knisja parrokkjali ddedikata lill-Qalb ta' Ġesù fejn kienet ġiet mgħammda.

Kellna l-okkażjoni li nattendu għal quddiesa internazzjonali li sir kull nhar t'Erbgħa fil-Bażilika San Piju X. F'okkażjoni oħra assistejna għal quddiesa fil-Grotta li kienet ikkonċelebrata mid-diretturi spiritwali kollha tal-gruppi Maltin li nzertaw kienu f'Lourdes.

Kellna ħin għal min ried jinżel fil-banjijiet kif ukoll għamilna diversi eskursjonijiet sbieħ fosthom Gavarnie, il-Grotti ta' Betharram, Pont D'Espagne u l-Park tal-Annimali. Ma naqsux xenarji mill-isbaħ b'kaskadi ta' ilma jgelgel mal-muntanji li jiffurmaw ix-xmara Gave li tgħaddi minn quddiem is-Santwarju ta' Lourdes.

Fl-aħħar ġurnata assistejna għaċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika minn Fr Joseph li wara mexxiena fil-Via Sagra fuq l-għolja tas-Santwarju ta' Lourdes.

Il-pellegrinaġġ li jmiss se jsir bejn it-23 u s-27 ta' Lulju 2018. Biex tirriservaw post ċemplu l-uffiċċju fuq in-numru 21413664 jew lil Charles Decelis (21575351 / 99885078).



idħol fis-sit uffiċċjali tagħna
www.missionfund.org.mt




# benefattur/sostenitur

## ...inti wkoll tista' tgħin

**€35 fis-sena** biex tipprovdi kotba, pitazzi, uniformi eċċ għal tifel/tifla fil-missjoni għal sena.

**€35 fis-sena** biex titma tifel/tifla fil-missjoni għal sena.

**€45 fis-sena** biex timpjega katekista għal sena.

**€55 fis-sena** biex tipprovdi edukazzjoni bħala boarder lil tifel/tifla fil-missjoni għal sena.

**€115 fis-sena** biex timmedika pazjent tat-T.B.

**€235 fis-sena** biex titma u tmantni familja sħiħa f'artijiet tal-missjoni għal sena.

**€500 fis-sena** biex jitħaffer bir għall-ilma.

ISEM U KONJOM:

INDIRIZZ:

KODIĊI POSTALI: TEL: MOBILE:

EMAIL:

**Jien, hawn taħt iffirmat/a, inwiegħed is-somma indikata minni hawn fuq kull sena, u jekk għal xi sena partikolari ninsa nħallas, nitlob lill-Mission Fund biex tfakkarni billi tibgħatli nota.**

FIRMA DATA

NOTA: Jekk xi ħadd, pereżempju, jixtieq jagħti donazzjoni ta' €100 fis-sena jista' jimmarka ż-żewġ kaxxi tal-€45 u tal-55.

REG. No: vo/0015

# *Attivitajiet Reliġjużi*
# MATUL IS-SENA 2018

## KULL L-EWWEL ĦAMIS TAX-XAHAR

Niftakru fil-missjunarji, benefatturi u qraba ħajjin u mejtin. Matul is-sena kollha, il-Mission Fund toffri talb u quddiesa kull l-ewwel Ħamis ta' kull xahar għal dan il-għan. Il-quddies isir fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù (Ta' Ġieżu), il-Belt Valletta fis-6.15 pm. Il-quddies li jmiss se jsiru f'dawn il-ġranet:

3 ta' Mejju, 7 ta' Ġunju, 12 ta' Lulju, 2 ta' Awwissu, 6 ta' Settembru, 4 ta' Ottubru, 1 ta' Novembru u 6 ta' Diċembru 2018.

## KULL L-EWWEL TLIETA TAX-XAHAR

Quddiesa fiċ-Ċentru San Franġisk, il-Ħamrun fis-6.30 pm

## QUDDIESA SPEĊJALI F'APRIL U F'NOVEMBRU

Issir quddiesa speċjali fix-xhur ta' April u ta' Novembru waqt attività li ssir b'risq il-missjunarji Maltin u Għawdxin. Normalment din l-attività tibda fid-9.15 am b'quddiesa b'suffraġju għall-erwieħ tal-benefatturi u qraba tagħna. Wara jkun hemm buffet breakfast u tombola. Jekk tixtieq toffri din il-quddiesa b'suffraġju għal xi qraba tiegħek, inti ġentilment mitlub li timla l-formola li tidher hawn taħt u tibgħatha lill-uffiċċju tagħna f'dan l-indirizz: Mission Fund, 500, Eureka Court, Blk A, Flat 6, Triq il-Kbira, Mosta MST 1018

### *QUDDIES GĦALL-ERWIEĦ TAL-BENEFATTURI TAGĦNA*

*Noffri quddies b'suffraġju għar-ruħ / għall-erwieħ ta':*

________________________________________________

________________________________________________

Qiegħed nibgħat donazzjoni ta' € ______________ permezz ta' cheque / money order pagabbli lill-MISSION FUND għall-bżonnijiet tal-missjunarji.

ISEM: ________________________________________

INDRIZZ: ______________________________________

________________ KODIĊI POSTALI: __________ TEL: ________________

**ISEM, KUNJOM U L-INDIRIZZ TAL-QARIB LIL MIN TIXTIEQ TINFORMA:** ______________

________________________________________________

________________________________________________

# GARAGE SALE

'ST. JOSEPH' GARAXX,
TRIQ IL-GUMMAR, B'KARA
(Bieb ma' bieb mal-forn)

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa
bejn 09.15 am u s-1.00 pm.

Issibu diversi oġġetti
bi prezzijiet
verament irħas

## BOLOL UŻATI

Kull min għandu bolol użati jista' jibagħthom l-uffiċċju biex inbiegħuhom. Il-qligħ kollu jmur b'risq il-missjunarji. Nixtiequ nfakkrukom li m'għadniex naċċettaw aktar telecards.




**MISSION FUND**
**500, Eureka Court, Blk A,**
**Flat 6, Triq il-Kbira**
**Mosta MST 1018**

## BORŻA TA' STUDJU

Tista' toffri waħdek jew flimkien ma' oħrajn l-ammont ta' €600, li titħallas f'darba jew f'perjodu ta' sena għall-kandidati li qed jitħejjew għas-saċerdożju fl-artijiet tal-missjoni.

MISSION FUND

## Fit-Testment *tiegħi*

Qed inħalli miktub fit-testment tiegħi s-somma ta' €_______________ b'risq il-missjunarji Maltin u Għawdxin li hemm fil-missjoni.

### Tqassim tal-Pubblikazzjonijiet

Min jixtieq jgħin fit-tqassim tal-pubblikazzjonijiet maħruġa mill-Mission Fund jista' jċempel l-uffiċċju tagħna fuq 2141 3664

### IRĊEVUTI FISKALI TAL-VAT

Inħeġġukom biex tibgħatulna l-irċevuti fiskali tal-VAT (MHUX IMMARKATI) biex aħna nkunu nistgħu nimmarkawhom u nibagħtuhom f'isem il-Mission Fund. Jekk jogħġobkom ibagħtuhom mhux aktar tard mill-ewwel ġimgħa ta' kull xahar.

## Taħlix flusek...

Inti se tiżżewweġ? Għandek xi tfal jew neputijiet li se jagħmlu l-preċett jew il-griżma? Ħa tagħlaq sninek jew għandek xi anniversarju?

Flok tixtri souvenirs, li ħafna drabi jispiċċaw ġo xi kexxun, agħti donazzjoni lill-Mission Fund u b'hekk tkun qed tgħin lil mijiet ta' missjunarji mxerrda mad-dinja kollha biex ixandru l-Kelma t'Alla.

Il-Mission Fund għandha għażla ta' kartolini bil-kliem 'Grazzi' kif ukoll bookmarks li jistgħu jingħataw lill-mistednin flok is-souvenirs.

**Tistgħu żżidu l-ferħ tagħkom f'din l-okkażjoni sabiħa billi toffru tama lill-persuni fil-bżonn. Għal aktar tagħrif ċempel l-uffiċċju 21413664**

## SKEMA SELF TA' FLUS MINGĦAJR IMGĦAX

Għandek xi flus mhux investiti? Għax ma issellifhomx lill-Mission Fund f'din l-iskema?

Din hija skema fejn inti tislef somma flus (ta' mill-inqas €500) lill-Mission Fund. Dawn jiġu nvestiti u l-imgħax jgħaddi lill-Mission Fund. Inti tingħata irċevuta uffiċċjali. Inti tibqa' żżomm id-dritt li meta jkollok bżonnhom, inti tinfurmana bil-miktub u l-flus li tkun sellift jingħatawlek lura (mingħajr imgħax) fi żmien qasir ta' ftit granet. Permezz ta' din l-iskema inti tkun qed tgħin lill-ħutna l-missjunarji. Jekk tixtieq tieħu sehem f'din l-opra sabiħa ċempel l-uffiċċju fuq 21413664.



MISSION FUND